IT-TIELET KTIEB
TAL-ĦAMSA U
ERBGĦIN SENA

SETTEMBRU

1969

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

### KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

ĠUŻE' CHETCUTI — Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi ... facċ. 65
TREVOR ZAHRA — *Ħsieb* ... ... ... ... ... ... ,, 66
ALFRED MASSA — Rebħu t-Tnejn ... ... ... ... ,, 67
MANWEL NICHOLAS BORG — *Nikol Biancardi* ... ... ,, 72
GINO MUSCAT-AZZOPARDI — Nikol Biancardi ... ... ,, 73
KARMENU ELLUL GALEA — *Alcide De Gasperi* ... ... ,, 74
ALBERT M. CASSOLA, F.I.L., O.S.J. — Dwar l-Arti ... ,, 75
WALLACE Ph. GULIA, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.) — *L-Għanja tax-Xogħol* ... ... ... ... ... ,, 78
J. CAMILLERI — *"Jien Alla Sidek . . ."* ... ... ... ,, 79
Aħbarijiet ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 83
PAWLU MIFSUD — Meta Morna z-Zoo ... ... ... ,, 84
P. ALB. SAMMUT, O.F.M. Conv.—*Twajjeb Ġesù, Aħfirli*... ,, 89
PAWLU CACHIA — *Il-Poeżija tal-Ħajja* ... ... ... ,, 90
LOUIS BUTTIGIEG — *Karba ta' Suldat* ... ... ... ,, 91
SPIRO BUHAGIAR — *Mhux li Kieku Jaħasra!* ... ... ,, 92
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, 93

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*

*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*

*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*

*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY


# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ SETTEMBRU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI 1969


# XOGHOL U SNAJJA' TA' L-IMGHODDI

*Il-moħħ ekonomiku tal-bniedem kiber bla tarf mal-medda tas-snin. Tibdil kbir sar fil-ħajja soċjali, kummerċjali, morali u intellettwali, u dan it-tibdil ma setax ma jolqotx ix-xogħol u s-snajja' li l-bniedem kien jinqeda bihom biex jaqla' x'jiekol għalih u għall-familja. Ix-xjenza moderna qallbet ta' taħt fuq ix-xogħol li sa ftit taż-żmien ilu l-bniedem kien jagħmel biex jaqla' l-għajxien. Din ir-rivoluzzjoni fil-ħajja tal-kummerċ laqtet mhux biss in-nazzjonijiet il-kbar imma wkoll iż-żgħar, fosthom 'l art twelidna. Il-moħħ infetaħ għal ideat ġodda li ġiebu magħhom mezzi ġodda, aktar prattiċi u aktar effettivi. Dawn tawna vantaġġi ġodda, aktar prattiċi u aktar effettivi. Dawn tawna vantaġġi kbar biex bihom naqilgħu aħjar il-ħobża ta' kuljum b'inqas taħbit u inqas tbatija.*

*Il-ħtiġiet taż-żminijiet tal-lum talbu aktar effiċjenza, ħeffa u speċjalizzazzjoni fix-xogħol u s-snajja' tagħna. Il-progress insibuh f'kull sfera ta' ħajjitna, u billi dan il-progress sar ħaġa waħda magħna, ftit li xejn wieħed joqgħod iħabbel rasu biex jara d-differenza kbira li hemm fil-ħajja tal-lum meta tqisha mal-ħajja ta' l-imgħoddi. U għal-hekk il-ktieb li għadu kemm ħareġ il-Professur Ġ. Galea, "Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi", għandu importanza doppja. L-ewwelnett qed jagħtina kwadru ċar, ħaj, maħdum b'reqqa kbira tax-xogħol li niesna ta' l-imgħoddi kienu jaħdmu biex jaqilgħu x'jieklu, u t-tieni biex iġagħalna naraw u nifhmu aħjar il-ħajja ta' missirijietna f'kuntrast mal-ħajja tagħna tal-lum, ħajja li kienet ferm aktar iebsa u mġebbda għax ma kellhiex dak li l-għerf tal-bniedem żejjinna bih il-lum, jiġifieri l-mezzi effettivi tax-xjenza moderna.*

*Drawwiet sempliċi, kważi primittivi, li l-lum spiċċaw għal kollox, nergħu narawhom fil-ktieb tal-Professur Galea, drawwiet li jqanqlu interess kbir f'dawk li ġa kienu jafuhom għax ifakkruhom fil-ħajja ta' l-imgħoddi, u interess wisq akbar fil-ġenerazzjoni li tielgħa ta' tfal u ta' żgħażagħ għax juruhom kif għexu biex qalgħu ħobżhom dawk li ġew qabilhom. Hekk igħidilna Ġużè Cassar Pullicino: "Huma snajja' jew xogħlijiet li kellhom jispiċċaw maċ-ċaqliq ekonomiku u industrijali ta' pajjiżna imma li b'xorti tajba għad fadal tifkiriet ħajja tagħhom, sew jekk kienu marbutin ma' drawwiet ta' festi kemm jekk ma' metodi tradizzjonali ta' bini, ta' inġenji u ta' xogħlijiet oħra ġewwa d-djar li l-lum għabu mid-dehra tal-ħajja Maltija".*

*Min miż-żgħażagħ tal-lum qatt sama' bl-irġiel tal-kummissarju, bin-newwieħa, bin-nuqqax, bl-imreddgħa, bil-bejjiegħa ta' l-ilma, b'dawk*

*li jkissru ż-żrar jew li jimlew is-siġġijiet, u b'dawk taċ-ċippitatu? Huma nies li mietu, u magħhom intemm ix-xogħol li kienu jagħmlu. Min mill-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum qatt ra jsir ix-xogħol tal-ġibs u tal-ġanitill? U fejn huma l-kaless, it-tram u l-omnibus? Fejn huma l-kataletti, il-kwiener u l-egħnienel? Kollha għabu mal-mixja ħafifa tal-progress. Il-progress difinhom, u minflokhom il-moħħ ekonomiku u xjentifiku tal-bniedem tana mezzi u materjal aħjar, aktar komdu u li jaqbel mal-ħajja mgħaġġla, mekkanika li qed ngħixu fiha.*

*Imma għandu mnejn fil-kumdità ta' djarna, mixħutin fuq pultruna ratba, forsi wkoll bit-television mixgħul quddiemna jew b'xi radjo ma' ġenbna jsemmagħna għana l-ġmiel tiegħu ġej minn artijiet mijiet ta' mili bogħod minna, għandu mnejn nitħajru ninqatgħu għal ftit mill-ħajja reali u mmorru bi ħsebijietna lejn iż-żmien imbiegħed, u wkoll mhux tant imbiegħed, ta' niesna u naraw kif kienu jgħixu u jaħdmu biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum. Ngħid għalija, biex jaqtagħna minn din il-ħajja reali u jurina l-ħajja qadima ta' niesna, ma nsib xejn aħjar minn dan il-ktieb tal-Professur Galea, "Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi".*

*Dan hu ktieb mill-iżjed interessanti mimli b'informazzjoni u b'tagħlim li jixħet dawl ċar ħafna fuq il-ħidma u d-drawwiet ta' missirijietna. Bis-sengħa tiegħu artistika, il-Professur Galea qanqal fina mill-ġdid it-tifkira ta' l-imgħoddi, u mill-ġdid erġajna rajna quddiemna dawk il-persunaġġi antiki li konna nafuhom sewwa bix-xogħol u s-snajja' tagħhom u li l-lum indifnu taħt il-ħerba taż-żmien.*

*ĠUŻE' CHETCUTI.*

---

# HSIEB

*Ta' TREVOR ZAHRA*

Dawk kollha li d-dinja fawruha
Bit-tila, bil-rus u l-vjolin,
Il-mewt qatlet nofshom,
Għax waqt li f'qabarhom
Id-dinja għaqlija żammithom ħajjin.

Lil dawk illi kabbru l-moħqrija
Bix-xafra w l-azzarin,
Għalkemm bi smerrija
Id-dinja għaqlija
Żammithom ukoll mal-ħajjin.

Iżda l-għażżien illi tliegħeb,
Fin-nofs,
Id-dinja għaqlija
Xeħtitu f'mensija
Minn qabel ma miet!

# REBHU T-TNEJN

*Novella ta' ALFRED MASSA*

Mitluqa fuq sufan fis-salott, Olga kienet qed tlegleg ftit whisky u tħares lejn id-duħħan li kienet tarmi minn ħalqha u mnifsejha; duħħan ta' sigarretti! Bla ma taf kif, dak id-duħħan ġibdilha l-attenzjoni u fakkarha kif kollox fil-ħajja jista' jiġi mxebbah miegħu; kollox igħix għal ftit ħin u mbagħad jisparixxi u jintilef fix-xejn, dak ix-xejn li hu l-għajn ta' kull ma naraw madwarna saħansitra tagħna l-bnedmin.

"Bluha! . . . Kollox bluha . . . Qerq bla tarf kull fejn iddawwar wiċċek! . . . Dinja kiefra u bla qalb!" tenniet hekk kif minn għajnejha qabżulha żewġ demgħat sħan li ħassithom neżlin ma' ħaddejha, u qatra minnhom saħansitra ratha taqa' ġot-tazza u titħallat mal-ftit whisky li kien għad baqa' fiha.

"Xhieda ħajja tabilħaqq, ta' kif inhi magħġuna ħajjet il-bniedem. Ferħ u niket . . . Whisky u dmugħ . . . " tenniet b'qalbha maqsuma. Imbagħad kollha mgħaġġla żvujtat it-tazza, qamet bil-ħerra minn fejn kienet u resqet lejn mera kbir li kien hemm imdendel fuq il-cocktail.

X'ħin ħarset fil-mera u rat wiċċha mixrub u safrani, ħassitha timtela bil-qilla, rasset xufftejha ma' xulxin u waqt li għaqqdet il-ponnijiet infaqgħet f'bikja u fost l-ilfiq bdiet ittenni waħda f'waħda.

"Ġino! . . . Nisħtek Ġino! . . . Iva nisħtek! . . . Bniedem supperv! . . . Iżda ladarba tlaqt int, int ikollok terġa' lura. Olga qatt ma taqa' għalik . . . . Bniedem bla qalb! . . . "

Imbagħad biex bħallikieku titħallas mill-mera talli kien urieha s-sewwa dwar persunitha, bħal waħda mitlufa minn sensiha qabdet it-tazza li kienet għadha f'idha u waddbitha b'kemm kellha saħħa għal fuqu; il-mera tkisser f'mitt biċċa. Il-ħoss kompla ħasadha. Bla ma taf kif reġgħet imxiet lura u ntefgħet kif ġie ġie fuq is-sufan tolfoq qisha tarbija.

* * *

Igħidu, li sajjetta fil-bnazzi taħsdek aktar minn waħda fil-maltemp. Hekk ġara lil dawn iż-żewġ żgħażagħ Olga u Ġino. Għal għaxar snin sħaħ il-ħajja miżżewġa għalihom kienet minsuġa biss minn hena u mħabba. Kienu l-għaxqa ta' kull min jafhom u xempju ħaj ta' familja li tkun qed tikber minn xitla għal siġra. Tfal il-Bambin ma tahomx. Kollu minnu li t-tfal kienu jixtiquhom u jħobbuhom ħafna, iżda l-imħabba li kellhom għal xulxin ma ħallithomx jintilfu fuq xewqat li ma jiddependux mill-bniedem imma mill-pjan bla qiies tal-Ħallieq. Olga u Ġino kienu medhija b'xulxin u kull fejn

kont tara lil xi ħadd minnhom, kont żgur issib lill-ieħor jew 'l-oħra wkoll, għax il-ħajja riedu jaqsmuha, bħal aħwa. Riedu jixorbu flimkien mill-istess tazza tal-ferħ u l-hemm, għax huma għalhekk kienu żżewġu biex igħixu ħajja waħda.

Iżda x-xitan m'għandux ħalib! Għodwa waħda dan il-misħut ta' xitan ittanta jdeffes denbu bejn dawn iż-żewġ maħbubin.

Qabel ma Ġino telaq lejn l-uffiċċju, Olga ġibditu minn idu u ħaditu lejn il-kamra tas-sodda, fetħet kexxun tal-gradenza u ħarġet pakkett. Fil-pakkett kien hemm biċċa drapp sabiħa tabilħaqq.

"Sabiħa," qalilha żewġha.

"Togħġbok?" staqsietu.

"Ħafna!" reġa' Ġino.

"Issa ara, irrid nurik il-figorin li għażilt," qaltlu waqt li ħarġet mill-kamra. Wara ftit Olga reġgħet lura bi ktieb daqshiex mimli figorini l-aħħar moda.

"Togħġbok din, Ġin?" staqsietu bi tbissima, Olga. Ġino kemmex xufftejh, xengel rasu u qalilha:

"Ma tantx . . . anzi biex inkun għidtlek is-sewwa kollha, xejn. Skullata wisq."

"Isma' din libsa tal-ballu taf, u mhux tal-knisja. Biħsiebni nżanżanha nhar Ħadd il-Għid. Nittama wara kollox li għadna bil-ħsieb li mmorru l-ballu tal-Għid dis-sena?" kienet pronta staqsietu martu.

"Mela ma mmorrux!"

"Grazzi maħbub tiegħi!" qaltlu. "Iżda l-libsa?"

"Agħżel oħra", tennielha.

"Imma jien ma' dik ħadt grazzja".

"Diġa għidtlek, dik skullata żżejjed u jien m'inix purċinell biex inħallik tilbisha meta tkun miegħi."

"Ġino!" talbitu kważi bid-dmugħ f'għajnejha.

"Olga!" reġa' hu serju, serju, "kont nagħmlek aktar ta' l-affari tiegħek."

"Xi trid tgħid b'dan il-kliem, Ġino? Jiena dejjem kont, għadni u nibqa' ta' l-affari tiegħi", weġbitu martu u dehret li ħadet għaliha bl-ikreh għal dan il-kliem ta' żewġha.

"Ma nafx, ma nafx," qalilha waqt li ħares lejha b'ħarsa li kienet issarraf ħafna. Imbagħad poġġa idejh it-tnejn fuq ġenbejh u reġa' wissieha, "Olga, għidtlek, agħżel libsa oħra."

"Twebbes rasek, Ġino?" staqsietu mistagħġba għall-aħħar.

"Iva", weġibha.

"Tajjeb, u jiena wkoll, mela", qaltlu hi soda, soda.

Din kienet l-ewwel darba li ħadd minnhom ma ried iċiedi. Issoltu kienu jiġġieldu min minnhom iċiedi l-ewwel biex b'hekk jagħti xhieda ta' mħabba. Issa t-tnejn stennew li xi ħadd minnhom ibaxxi

rasu, bla ma jkun hu stess li jagħmel dan. Baqgħu għal ftit ħin iħarsu lejn xulxin bla ma jitkellmu, it-tnejn skantati kif sabu ruħhom f'sitwazzjoni hekk kerha u ta' swied il-qalb. It-tnejn xtaqu li jeħilsu minn dak it-taħwid b'wiċċ il-ġid bla ma ħadd minnhom ma ried ikun hu li jmidd l-ewwel pass. Tħawdu u ma għarfux x'għandhom jagħmlu. Fl-aħħar Ġino dar lejn martu u b'kalma, iżda fl-istess ħin b'serjetà liema bħalha, qalilha:

"Sejjer għax-xogħol għax sar ħafna ħin, nittama li tbiddel il-fehma tiegħek. Il-figorin mimli b'ilbiesi sbieħ u moderni, għalhekk għandek ħafna minn fejn tagħżel." U bla ma ta ċans tgħidlu kelma waħda biss, ħareġ mill-kamra.

Għaddiet ġimgħa minn din it-tilwima bejn Ġino u martu Olga, u ħadd minnhom ma semma xejn aktar dwar il-libsa tal-ballu. Ġino ħaseb li martu semgħet minnu; filwaqt li Olga ttamat li meta żewġha jara l-libsa fuqha, jifraħ biha bħas-soltu, u kollox jintemm b'wiċċ il-ġid.

Kien Ħadd il-Palm filgħodu. Olga u Ġino kienu sejrin lura d-dar wara l-Quddiesa Kantata. Ġino l-kant tal-Passju kien iħobbu wisq, u kien għalhekk li dak in-nhar hu u l-mara semgħu l-Kantata.

Hekk kif waslu ftit passi bogħod mid-dar raw tfajla ċċempel il-qanpiena tal-bieb tagħhom.

"Lesta l-libsa, mela!" qalet Olga ferħana se ttir. Ġino ma tkellem xejn iżda qalbu għamlet tikk. Ma ried jaħseb xejn, la tajjeb u anqas ħażin.

Waslu d-dar u Olga hejjiet it-te. Meta qamu mill-mejda Ġino mar poġġa bil-qiegħda fuq pultruna jaqra l-gazzetta filwaqt li martu daħlet fis-salott u wara ftit dehret mill-ġdid fil-kamra ta' l-ikel liebsa l-libsa tal-ballu. Waqfet fil-bieb u ħarset lejn żewġha. Ġino nħasad u ħass l-għaraq ixoqq għalih. Ħass ilsienu jitqal u ma felaħx ilissen kelma. Dak il-ħin ra lilu nnifsu mċekken quddiem martu. It-tbissima fuq xufftejn Olga stħajjilha tbissima ironika li mlietu b'rabja tal-waħx.

Martu ndunat li żewġha ħa għalih u biex tipprova ttaffilu r-rabja li qrat fi ħbub għajnejh, ġriet għal fuqu b'dirgħajha lesti biex iddawwarhom ma' għonqu. Kif waslet ftit passi bogħod minnu, waqfet u staqsietu. "Ma togħġbokx?" Imbagħad kompliet riesqa lejh.

Ġino ħares lejha biċ-ċiera u malli waslet qrib tiegħu sewwa, imbuttaha lura. Olga tfixklet fil-libsa u baqgħet sejra mintulha għal daharha fl-art. Mal-waqgħa ħasset weġgħa ma' rasha kollha, u bla ma riedet, messet b'idha wara rasha u hekk kif lemħet id-demm werżqet twerżiqa u nfexxet tolfoq.

Ġino għall-ewwel bħal inħasad, iżda malajr reġa' ġie f'tiegħu. Huwa dar fuq martu u qalilha b'ragħwa ħierġa minn ħalqu:

"Jekk taħseb li rbaħt int, sejra mqarrqa. Jiena sejjer 'il barra minn hawn u jekk tkun tridni niġi lura, ibgħatli dik il-libsa ta' fuqek

imqattgħa biċċiet. Alt.imenti lili ma għandekx għalfejn tfittixni aktar. Fil-każ li tbiddel fehemtek ibgħat il-libsa kif għedtlek għand oħti Mena''. Imbagħad tefa' l-kappell f'rasu u ħareġ 'il barra qisu bniedem fis-sakra.

Olga nfixlet meta rat id-demm iċarċar magħha, u barra dan hija ħassitha xi ftit sturduta wkoll. Bi tbatija kbira rnexxielha tersaq lejn it-telefon u ċċempel lit-tabib Borg.

* * *

L-esperjenza tal-ħajja tgħallimna li meta fjamma f'qalb bniedem tintefa, flokha tixgħel oħra aqwa minnha. Tant hu hekk li għandna l-qawl li jgħid illi ''L-akbar ħbieb, il-aktar għedewwa''. Għaliex? Għax meta l-fjamma ta' l-imħabba tintefa flokha tinbet fjamma oħra, il-fjamma tal-mibegħda. Il-ħajja nfisha tagħtina bosta eżempji ta' dan. U Olga u Ġino ma kinux eċċezzjoni. Dik l-imħabba li kellhom tħeġġeġ ġo qalbhom għal xulxin inbidlet f'mibegħda. Issa t-tnejn xtaqu d-deni lil xulxin, it-tnejn ma ridux jafu aktar b'xulxin.

Qabel ħareġ mid-dar, Ġino qabad kartiera li kellu fil-kexxun ta' l-iskrivanija u dak il-ħin ħaseb li dik is-somma għalih kienet biżżejjed. Mid-dar mar għand oħtu, fehemha kollox u wissieha biex ma tittantax tidħol bejn il-basla u qoxritha. Imbagħad huwa qabad it-triq u telaq lejn lukanda f'Tas-Sliema.

Għaddew ftit ijiem u Ġino għaddiehom f'infern sħiħ. Għax huwa kien bniedem li jinkwieta ħafna, bniedem li l-kwart jagħmlu ratal u l-wiżna qantar; bniedem li kien imrobbi fil-biża' t'Alla u għalhekk il-kuxjenza ma ħallitux bi kwietu anqas. Ta' sikwit kien jipprova jifhem kif kien sab ruħu f'dak l-għawġ kollu. Dak il-ħin ġo fih kien ikollu taqbida ħarxa; taqbida bejn iż-żewġ elementi prinċipali li minnhom hu magħmul il-bniedem; il-ġisem u r-ruħ. Ir-ruħ permezz tal-kuxjenza tfissirlu kemm ikun aħjar għalih jekk iċedi u jerġa' lura fi ħdan martu. Il-ġisem permezz tal-ġibdiet u l-passjonijiet iħeġġu biex jibqa' iżomm il-punt ta' l-irġulija. Taqbid u thewdin bla tarf li jġennu lill-imsejken bniedem li jherruh minn ġewwa; li jwassluh f'disperazzjoni sħiħa. Iżda xi ħadd bilfors ried joħroġ rebbieħ. Min kellu jirbaħ? Għal min ir-rieda ta' Ġino sejra ċċedi? . . .

Olga ta' mara li kienet mogħtija wara d-dinja, ftit li xejn setgħet tgħaddi minn dak li kien għaddej minnu żewġha. Għaliha d-dinja kienet kollox. Għalhekk kull ma kienet taħseb kien, l-imbuttatura ta' żewġha Ġino u li ma għandhiex iċċedi għax allura tkun qed tħejji t-triq biex 'il quddiem tkun l-ilsira tiegħu.

''Ma jaqbilx inċedi'', kienet sikwit ittenni bejnha u bejn ruħha, ''għax jekk inċedi din id-darba jibqa' jgħoddni b'ġifa u jżommni taħt saqajh ħajti kollha''.

Il-Ħamis, Ġino niżel sa għand oħtu biex jara hemmx xi ħaġa

ġdida li għandu jkun jaf dwar Olga. Meta sar jaf li kollox baqa' kif kien, wera li ma ħax gost għax fis-sewwa huwa kien stenna li martu kienet se ċċedi. Kollu mifxul u mdejjaq reġa' lura mill-ġdid lejn il-lukanda.

Malli ġie biex iħalli raħal twelidu, għal mument ħass bħal għafsa ta' qalb. Qatt f'għomru ma kien raqad barra r-raħal. Issa? Issa kellu jħallih u ma kienx jaf jekk qattx aktar kellu jerġa' jarah. Id-dmugħ sħun ta' firda u mħabba tappanlu għajnejh u xtaq imur x'imkien fil-bogħod u hemm jinfaqa' jibki kemm jiflaħ, għax dak il-ħin ħass li l-biki biss seta' jserrħu minn dak in-niket li kien qed iġarrab.

Meta niżel tas-Sliema ftakar li dak in-nhar kien Ħamis ix-Xirka, u bħal tħajjar imur għall-quddiesa ta' dik il lejla. Iżda mbagħad intebah li hu bħala midneb ma kienx jixraq li jersaq lejn it-Tempju t'Alla, għal mument nesa għal kollox il-ħniena bla tarf tal-Mulej!

Iżda din id-darba l-konvinzjoni rebħet u Ġino ġibed lejn il-knisja ħelwa ta' San Girgor. Funzjoni tabilħaqq sabiħa! Fil-knisja ħassu bniedem ieħor, anqas imdejjaq. L-omelija li l-Kappillan għamel fil-quddiesa kienet tittratta, kif kien xieraq, dwar l-imħabba; imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Il-kuxjenza ta' Ġino ferħet, iżda l-passjonijiet triegħdu u mbuttawh 'il barra mill-knisja. Wara s-Sanctus qam minn fejn kien u telaq lejn il-lukanda. Iżda meta ġie biex jorqod ma setax jagħlaq għajn ma' għajn bil-ħsibijiet tqal li bdew għaddejjin minn moħħu.

L-għada qam għajjien mejjet qisu li matul dak il-lejl kien qala' xi xebgħa sawt. Ġino dlonk ftakar li dak in-nhar kienet il-Ġimgħa l-Kbira! . . . Il-jum li jfakkar fil-Fidwa, fl-imħabba ta' l-Iben ta' Alla lejn il-bniedem midneb.

Soltu hu u martu kienu jagħmlu l-Viżti lis-Sepulkru ġewwa l-Belt, u dak in-nhar Ġino iddeċieda li jagħmel l-istess. Ħaġa tal-għaġeb, dawk il-Viżti ħasshom iqanqlu fih xi ħaġa li hu donnu li ma setax jifhem x'kienet; ħass li l-Mulej ried xi ħaġa minnu.

L-aħħar Viżta għamilha fil-Knisja ta' Ġieżu. Hemm f'dik il-knisja tinsab ix-xbieha ta' Ġesù Kurċifiss, xbieha tassew mirakoluża u għażiża ħafna għalina l-Maltin. Ġino resaq quddiem Ġesù Msallab u ntafa' għarkubbtejh quddiemu waqt li ffissa għajnejh fuqu. Kien issa l-waqt li Ġesù qallu x'kien li jixtieq minnu. Ġino fehmu, qam minn fejn kien u wiegħdu li kien se jċedi. Hena liema bħalha dak il-ħin ħassha nieżla ġo qalbu li mlietu bil-ħila biex iwettaq dak li kien għadu kif wiegħed.

Meta tnejn jiġġieldu, ir-raġuni tgħallimna li xi ħadd bilfors irid joħroġ rebbieħ filwaqt li ieħor tellief. Din hija r-regola; regola ġusta u raġonevoli tabilħaqq. Iżda kull regola għandha l-eċċezzjoni. U l-każ ta' Ġino u Olga kien l-eċċezzjoni ta' din ir-regola, għax it-tnejn iġġiel-

du u t-tnejn ħarġu rebbieħa.

Naturalment ir-rebħa ta' Olga kienet differenti minn dik ta' Ġino, iżda l-importanti hu li t-tnejn ħassewhom soddisfatti bir-rebħa li kienu kisbu. Olga fehmet ir-rebħa tagħha x'ħin rat lil żewġha lura d-dar. F'għajnejha lemħitu jbaxxi rasu quddiemha u jċedi. Stħajlitu jersaq lejha umli'at u jagħtiha f'idha l-palma tar-rebħa. Dan għamilha hienja u soddisfatta għall-aħħar.

Mill-banda l-oħra Ġino wkoll ħassu joħroġ rebbieħ, rebbieħ bħal Kristu, li rebaħ bl-imħabba u bis-sagrifiċċju. Huwa ħassu soddisfatt u ferħan se jtir. Ħassu kburi daqs martu u bħalha stħajjel f'idu l-palma tar-rebħa.

Jumejn wara Olga u Ġino ċċelebraw ir-rebħ tagħhom billi attendew il-ballu tas-soltu; il-Ballu tal-Għid. Dak in-nhar ħassew fi qlubhom l-imħabba ta' qabel u wiegħdu lil xulxin li qatt aktar ma jerġgħu jwebbsu rashom, imma kellhom igħixu ħajja ta' mħabba f'armonija sħiħa sal-mewt.

U l-libsa, li wara kollox kienet hi l-ħtija tal-ġlieda ta' bejniethom, x'kien sar minnha? Iva, dak in-nhar tal-ballu kienet fuq Olga, iżda b'xi tibdiliet żgħar!

---

# NIKOL BIANCARDI

*Ta' MANWEL NICHOLAS BORG*

**N** erfgħu l-*antennae* 'l fuq f'beraħ jistiede **N**
**I** ntqal u fiss fis-sema dehru kwadr **I**
**K** ollha mżewqin bi ġmiel, bi ġmiel imbiere **K**
**O** ħorġu lkoll għaliex illum il-Klij **O**
**L** il dal-pajżan ser taħtru l-aqwa u tħawwe **L**

**B** il-bosta fih iż-żergħa biex jitħabbe **B**
**I** nġabru lkoll ulied ta' demm sfiq Malt **I**
**A** nġlu mis-sema ġieb klila sabiħ **A**
**N** ewwilha lil din Klijo li bdiet tħadda **N**
**C** emm tiflaħ lil dan il-poëta mxiere **C**
**A** jtit'u Malta u deffset f'rasu r-rand **A**
**R** ajna fis-sema lwien bojod u ħomo **R**
**D** il-ġemgħa nfexxet tibki w b'leħen wieħe **D**
**I** ssellem f'daqqa lil NIKOL BIANCARD **I**

---

'Cemm' u 'mxierec' jinkitbu 'kemm' u 'mxierek'; 'Ajtitlu' tinkiteb 'Għajtitlu'.

Melbourne, Awstralja, 1968.

# NIKOL BIANCARDI

Fit-13 ta' Lulju 1969 miet, f'daru ġewwa tas-Sliema, wieħed mill-ewwel membri li ffurmaw il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti: NIKOL BIANCARDI. Huwa baqa' sa l-aħħar Membru akkademiku ta' dina l-Għaqda u għal bosta u bosta drabi kien Membru tal-Kunsill.

Nikol miet ta' 65 sena huwa kien twieled il-Belt Valletta fil-10 ta' Marzu 1904; kien miżżewweġ lil Mary Sciberras li bosta għadhom jiftakru l-ħila tagħha bħala attriċi drammatika.

F'dik li hija arti teatrali Nikol beda l-karriera tiegħu mal-Kump. "Cittadini" u wara kien membru ta' l-"Indipendenza" taħt it-treġija ta' Mikiel Anġ Borg. Ma damx ħafna ma sar is-suġġeritur ta' din il-Kumpanija u l-ħila tiegħu f'din is-sengħa kienet hekk kbira li l-istess Professur Gustu Bartolo talbu jissuġġerixxi l-"Geisha" u operetti oħra.

Nikol Biancardi jibqa' mfakkar bħala fundatur tal-Għaqda "Bajda u Ħamra" li ħoloq bil-għan li tniedi konkorsi filodrammatiċi bħal inkoraġġiment għall-kumpaniji ta' dawk iż-żminijiet (1946); din il-għaqda tefgħet il-bażi għar-reċitar modern bil-malti u ħolqot l-idea għal Teatru Nazzjonali fostna. Nikol kien magħmul Membru ma' tul ħajtu tal-Malta Drama League.

Meta r-Rediffusion ħolqot l-ewwel Panel, Biancardi kien wieħed mill-erbgħa membri ta' dan il-panel. F'żgħożitu qaleb għall-Malti d-dramm franċiż *"Papà Lebonnard"* u kiteb il-kummiedja soċjali *"Il-Burraxka"*; huwa kien awtur ukoll ta' bosta sketches, poeżiji serji u umoristiċi, artikoli f'ġurnali lokali u bosta oħra f'rivisti u almanakki.

F'dak li huwa ġurnaliżmu Nikol Biancardi kien wieħed minn ta' quddiemnett. Huwa kien fuq l-istaff tal-"Labour Opinion" u tal-"Kotra" kif ukoll kollaboratur tad-"Dr. Xekkek" li baqa' fidil lejh sa l-aħħar.

Meta spiċċa dan il-folju Biancardi daħal fi Strickland House u kien jaħdem b'ruħu u b'ġismu, ma' tul il-gwerra kollha, fuq il-ġurnali maħruġa minn dik l-istamperija. Bosta drabi gemgem miegħi li kien jagħmel dak ix-xogħol kollu li ħaddieħor kien jieħu l-unur tiegħu.

Ma' tul il-gwerra Biancardi kien il-kommentatur ta' l-aħbarijiet minn fuq ir-Rediffusion u dam jaqdi dan id-dmir sal-1943.

Mill-1949 sal-1959, għal għaxar snin sħaħ, huwa kien Ċensur tal-Films.

Fl-1922 kien wieħed milli ħolqu l-Kumitat distrettwali Laburista tal-Belt Valletta u ma biddel qatt l-ideali tiegħu.

Issa Nikol Biancardi ma għadux aktar fostna biex jagħtina t-twissijiet tiegħu u jgħinna fejn jista', iżda ismu jibqa' dejjem quddiemna bħala wieħed mis-suldati ta' l-ilsien Malta u wieħed minn ta' quddiemnett.

GINO MUSCAT-AZZOPARDI.

# ALCIDE DE GASPERI

*— il-bennej tad-Demokrazija Kristjana —*

*Ta'* KARMENU ELLUL GALEA

Ma nafx għaliex għalik inħoss bħal ġibda
u qalbi ssib l-kenn wil-ħsieb jistrieħ
kull meta ismek jew xbihatek jaqbżu
quddiem għajnejja qishom kwiekeb sbieħ.

Int ħadt l-għajxien ħa tgħajjex lil min welldek,
minn ħdan il-mewt qajjimt nazzjon mill-ġdid;
l-Italja mxekkla tmil lejn xfar il-qerda,
imħawda fl-ideat... tgħum fit-theddid.

Kien wasal qawmien ġdid! Bħal riefnu qawwi
ried jaħsad wiċċ l-Ewropa kif iddur...
Ħelsien jew dittatura kienet l-għażla,
wil-folla f'dat-taqlib ma tafx fejn tmur.

Demokrazija ġdida, ħielsa w soda
fid-dar, fix-xogħol, fil-ħajja wit-twemmin
kebbist fil-qalb wir-ruħ tal-poplu msejken
biex artek tgħix fis-sliema tal-bnedmin.

Int b'dehnek ħloqt u bnejt sisien li jwieżnu
il-kruha ta' l-uman mal-ġmiel divin,
il-qabża bejn id-dmir ma' dak li rridu,
ir-rabta bejn l-istat wiċ-ċittadin.

Twemminek welled bħal ħajj' oħra ġdida
u f'ħafna mill-Ewropa sab l-għeruq.
Inti ħabbejt, saħħaħt, farraġt lill-kotra
u ħlistha mill-għammieq li kien mitbuq.

Ismek bħal kewkba f'sema mdallam w ikreh,
xbihatek dar id-dawl f'baħar qalil;
fil-ġlieda tiegħek għat-twemmin wil-fqajjar
ma jżommok ebda biża' jew tfixkil!

Inħobbok... ngħożżok daqs li kieku ħija
mill-istess demm u art twelidna t-tnejn;
'mma mħabbtek għall-ħaddiema, Alla w artek,
twaħħadni miegħek... ma tifridna b'xejn!

# DWAR L-ARTI

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

(*Jorbot mal-għadd ta' Ġunju*)

Issa kieku għada pitgħada kellha ssir kritika vera, sinċiera, bla passjoni, fil-letteratura Maltija, kien jiġri żgur li nofs li għandna konna nsibu li hu plaġjariżmu sfaċċat jew xogħol ta' siwi żgħir, meta mqabbel mal-kapolavuri ta' pajjiżi kbar. Imma sa daqshekk x'tista' tistenna minn pajjiż ċkejken bħal Malta? Jien ma rridx immaqdar għall-gost li mmaqdar. Anzi li rrid jien hu li titwarrab is-sikrana minn malqamħ mimli, u nkunu nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem: Malta ipproduċiet dan, dan huwa tagħna, ħloqnieh aħna minn żniedna, din hija Letteratura Maltija, din hija Arti.

Mhux distinzjoni ta' xejn. Mur ġibhom barra minn Malta, it-tfal jippubblikaw taparsi essay tagħhom fl-istess paġna u ma' ġenb kitba ta' awtur stabbilit. Mur ġibhom ixandrru bir-radju, jew jirrappreżentaw f'teatru ewlieni, ix-xogħol ta' dilettant ta' ħabba max-xogħol tajjeb tal-kittieb magħruf. Għax jisgħobbija ngħidu, kultant nemmen li xortina tajba li l-Malti nafuh aħna biss. Għax kieku mur ġib il-kritika serja kif tgħaddina biż żmien. Dan qiegħed ngħid għall-kitba, imma nista' nżid il-lingwa Maltija li nisimgħu spiss mit-TV u r-radju tagħna u li ħafna drabi, jisgħobbija hawn ukoll, hija xempju ta' stil mill-agħar, ta' lsien tabilħaqq ħażin. (Bla allużjoni!).

Issa wkoll ħadna l-użanza (frott tal-pružunzjoni) li daqsxejn ta' essay insejħulu studju, reċensjoni reklamistika jew ta' l-"obbligazzjoni" insejħulu kritika. B'hekk ma naslu mkien. L-Arti ma tridx dan il-logħob, dawn il-vavati, dawn il-fanfarunati. Fl-antoloġija ma nistgħux nibqgħu ndaħħlu lil min qdiena, għax qdiena, u nħallu barra 'l min ma jiġix warajna. Il-premijiet ma nistgħux nagħtuhom biex inpattu għax-xogħol li wieħed ikun għamlilna b'xejn jew għax kiteb fuqna l-omeliji minħabba li fil-veru sens konna u aħna għalih "qaddisin."

Sinċerità, verità, onestà, u ġustizzja; inkella l-Arti ma nersqux lejha, ma nxommuhiex. Ir-reċensjonijiet, il-kommenti sbieħ miktubin anonimament minn l-awturi nnifishom fuq l-istess xogħolhom jistgħu jiswew biex iħajru 'l xi baħnan jixtri kopja tal-ktieb jew lil xi belhani biex imur jara t-tali dramm. Imma r-reazzjoni fl-aħħar mill-aħħar tkun kuntrarja, kif kellna okkażjoni naraw m'ilux wisq. L-awtoreċensjoni u t-tifħir reċiproku jispiċċaw biex idaħħku n-nies bihom.

Hekk il-għażla tat-testi f'istituzzjonijiet għolja. Bħal f'isem il-libertà, kemm delitti, xi drabi, f'isem l-edukazzjoni, il-letteratura u l-Arti? Riżultat? Studenti li jsiru joboghdu l-kitba bil-Malti. X'tis-

tenna? Lill-istudenti ma tbellaghhomx ir-ross bil-labra. L-iktar meta jistgħu jqabblu l-klassiċi u l-awturi moderni ta' pajjiżi kbar ma' dawk ta' Maltin li bil-qaddisin biss irnexxielhom jimmatrikolaw jew jidħlu fejn daħlu.

Kliem iebes? Kliem sinċier ta' Malti li jħobb il-letteratura Maltija u li fiha jfittex l-Arti u mhux l-interess finanzjarju biss. Jekk dawn l-affarijiet ma jinqatgħux illum qabel għada, lanqas pitpitgħada l-Letteratura Maltija ma tkun tista' tmidd riġlejha fit-triq tal-progress.

It-tendenza ta' l-ikkupjar ittieħdet mhux biss fil-kitba iżda wkoll fil-pittura u l-mużika. It-tentazzjoni hija faċli u għalhekk malajr wieħed jaqa' fiha. Li tagħti lill-bniedem dak li hu ħafif iż-żejjed billi tolqtu bil-forom li jogħġbu lis-sensi u lill-għajn ma jfissirx li tkun għamilt opra artistika. Il-għajn tieħu pjaċir ukoll meta, milquta minn xemx li tagħmiha u tgħajjiha, issib id-dell li jserraħha; jew meta, bil-maqlub, wara dlam ċappa li jaqtagħlek nifsek, toħroġ fil-beraħ għad-dawl tan-natura. Iżda, sewwa sew, dana kollu m'għandux x'jaqsam mal-pjaċir li tagħtik biċċa xogħol tal-pittura jew ta' l-iskultura. Il-pittura u l-iskultura jkunu opri ta' l-Arti meta wieħed jarahom mhux tant bil-għajnejn fisjoloġiċi u materjali iżda iktar minn hekk bil-għajnejn spiritwali li jsibu biex jitpaxxew. Issa dana kemm jista' jsir meta fil-pittura u fl-iskultura l-għajnejn materjali ma jkunux jistgħu jilmħu ħlief imitazzjoni, ukoll jekk tajba, ta' Picasso u Braque, ta' Laurens u Lipchitz? Il-kubiżmu ta' dawn għandu, jekk mhux ħaġa oħra, il-mertu li hu moviment oriġinali. Fl-imitaturi ma jibqa' lanqas daqstant. Allura fejn tkun l-Arti? Fil-pittura u l-iskultura, bħal fil-letteratura, jidħlu s-sensazzjonijiet kollha.

Inħalli barra l-arkitettura għax nifhem li l-knejjes, il-palazzi u l-kastelli ta' dari, illum jeħdilhom posthom dak il-bini li ż-żjieda qawwija tal-popolazzjoni u esiġenzi oħra urbanistiċi ma jippermettux bħalhom. Madankollu xi kapolavuri arkitettoniċi moderni nsibuhom ukoll, mhux tant hawn Malta, bħalma nsibu xi drabi, fl-aqwa bliet tad-dinja, kruhat li jħassru l-wiċċ ta' triq sabiħa meta mhux għal kollox tal-belt li tkun.

Dwar il-mużika tal-lum, wieħed isib li naqsu, jekk ma spiċċawx, il-kompożizzjonijiet ta' l-opra lirika u naqset, jekk ma spiċċatx, il-popolarità tal-mużika klassika. Issa jiena nifhem li kull ġenerazzjoni għandha l-gosti tagħha partikolari, u dik tal-lum donnha ma tridx taf ħlief bil-mużika ħafifa. Li jien kontra tiegħu hu, f'kollox, l-esaġerazzjoni. Ħalli l-jazz u l-kanzunetti jieħdu, sa ċertu pont, il-post tal-klassiku. Imma għallinqas nistenna li wkoll sempliċi kanzunetta għandha jkollha ċertu ritmu u ċertu sens.

Ċerti kanzunetti mhux biss inħobbhom bħalma nħobb l-opri imma jaslu wkoll biex isaħħruni. U nieħu gost nara l-Maltin isemmgħu

huma wkoll leħinhom. Imma min jikteb il-kliem nippretendi li għallinqas ikun jaf il-lingwa li biha jikteb! Min jikkomponi l-mużika nistennieh ikollu idea tan-noti, min ikanta jkollu, jekk mhux vuċi u skola tal-kant (illum il-vuċi, jew il-volum tagħha, jaħseb għaliha l-mikrofonu), għallinqas l-intonazzjoni u l-espressjoni. B'dan biss, tabilħaqq, ma tasalx għall-Arti, imma forsi ma tkunx in-negazzjoni tagħha. Jekk xi kantanti jaslu biex iġennu n-nies (ifhem Beatles, Presley, Celentano u bħalhom) u għal ftit snin jagħmlu ħafna ħoss (fil-veru sens tal-kelma!), madankollu ma jistgħux jinżlu fl-istorja tal-*bel canto* bħala artisti kbar.

Xi ħadd hawn Malta kien osserva pubblikament li l-kantanti tagħna moħħom li jixximmjottaw lill-kantanti ta' barra. Issa dana, tabilħaqq, ma jsirx Malta biss, għax xi ftit kulħadd jikkopja 'l kulħadd. Smajt b'widnejja jien stess ġo Sqallia kantanti li taħsibhom Claudio Villa, Dall'Ara. L-istess vuċi, l-istess intonazzjoni, l-istess kisra, jew twerżiqa, skond il-kas. Għaliex Villa u Dall'Ara mxew 'il quddiem fid-dinja tal-kanzunetta moderna (imqar jekk anke din mhix Arti kbira) u l-imitaturi baqgħu jittallbu s-soldi fil-kafejiet u fit-toroq? Għax dawn ta' l-aħħar qagħdu fuq l-imitazzjoni. U allura m'għandhomx il-personalità oriġinali meħtieġa. Biex tasal għall-Arti aħjar tistudja u tixtarr x'jagħmel ħaddieħor biex, waqt li titgħallem minnu u tapprezzah, tagħraf iżżomm ruħek differenti minnu u mhux tikkupjah.

L-Arti mhix sengħa, mhix sempliċi artiġjanat. Dak li jirriproduċi l-Mona Lisa perfettament tajjeb daqskemm Leonardo Da Vinci pinġieha, ma jissejjaħx artist, għaliex ma jkun ħoloq xejn minn tiegħu imma jkun biss ikkopja kapolavur ta' ħaddieħor. Nafu b'każi meta l-kopja ta' kwadru ċelebri għaddiet bħala oriġinali, tant kienet magħmula bil-perfezzjoni kollha; u nbiegħet b'somom astronomiċi ta' flejjes. Imma meta ż-żejt tala' f'wiċċ l-ilma, l-opra sekondaman tilfet kull valur.

Michelangelo kien ħabib tal-qalb ta' ċertu Menighella, pittur ta' ħabba, u dan Menighella kultant kien jitlob lil Buonarroti jagħmillu xi disinn ta' Santu Rokku jew Sant'Antnin biex fuqu jpinġi xi daqsxejn ta' inkwatru ħalli mbagħad imur ibigħu s-suq lill-bdiewa; Michelangelo kien jaqdih. Darba waħda, anzi, għamillu fix-xama' ġmiel ta' mudell ta' Kurċifiss: Menighella ħareġ minnu l-forma u beda jagħmel qabda kurċifissi tal-kartapesta jew tal-ġibs li bis-saħħa tagħhom qala' kemxa flus ġmielha. Iżda l-artist ta' dak il-Kurċifiss kien Menighella jew Michelangelo?

Hekk ukoll ħabib ieħor ta' Buonarroti, li għax kien jaf iħaddem skalpell kien jaħseb li hu skultur mill-kbar. Biex ikompli miegħu, darba waħda Michelangelo, waqt li kien qiegħed jaħdem fuq il-qabar

ta' Ġulju II, sejjaħ lil dak il-ħabib u wrieh kolonna. Ġagħlu jaqbad l-iskalpell u r-raspi u beda jgħidlu biex inaqqax minn hawn u jillixxa minn hemm, biex jiċċajta minn naħa u jħaffer minn oħra. Il-ħabib ta' Buonarroti, wara ftit taż-żmien, baqa' mistagħġeb bil-figura sabiħa ta' rsir li ħarġitlu minn taħt idejh. Għajnejh imberrqin, il-ħabib għannaq lil Michelangelo u qallu: "Bis-saħħa tiegħek jiena ntbaħt li għandi fija l-Arti ta' l-iskultura! Jiena artist kbir!" M'għandniex xi ngħidu, Michelangelo ma kisrux, iżda tbissem. Ma kinitx l-ewwel darba li min nefaħ l-orgni ħaseb li hu aqwa mill-organista.

Kien hemm u għad hawn min ħallat il-pjaċiri ta' l-immaġinazzjoni ma' dawk ta' l-Arti b'mod li nħolqu t-taħwid u l-konfużjoni. Konfużjoni, tabilħaqq, għaliex il-pjaċiri ta' l-immaġinazzjoni m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-oġġetti materjali waqt li dawk ta' l-Arti għandhom x'jaqsmu mal-forma artistika.

Ta' l-ewwel m'humiex ħaġ'oħra ħlief il-passjonalità li tiġi direttament mill-prattika, tat-tieni huma l-kontemplazzjoni spiritwali li għandha oriġini teoretika.

---

# L-GĦANJA TAX-XOGĦOL

*Ta' WALLACE Ph. GULIA*

Sabiħa l-għanja ta' min ħabb;
sabiħa wkoll il-lehma tal-ħolqien;
'mma jien illum mhux dak irrid ingħanni!

Ngħanni rrid il-ġmiel tax-xogħol li sar,
is-seħer tat-taħbit li wasal fl-aħħar,
fil-ħin li l-ħsieb imidd fit-tul
biex tara x'ħidma ġdida tmissu x'ħin iżernaq.

Jekk dan ma tafx, għadek ma għextx!
għadek qed toqrob lejn in-nofs tal-belt
fejn hemm id-dwal is-sbieħ, l-imsieraħ kbar,
il-ħwienet fejn kull għajn tiekol u tqatta'!

Jekk taf, iktar sabiħa l-għanja ta' min ħabb,
is-seħer tal-ħolqien aktar qalil,
għax fih is-serħ mistħoqq,
l-għasel għall-ġrieħi
ta' min tħabat, stinka, ta
biex tfur il-ħajja,
aħjar, sabiħa, komda għal kulħadd.

# "JIEN ALLA SIDEK ....."

*Ta' J. CAMILLERI*

Beżgħan li jitlef il-ġenna, Fra Lippu
Ħarab mill-ħajja, mid-dinja u l-benna
Biex mar igħammar fil-ħemda tax-xagħri.
Għaraf li mwiegħra u għollieqa t-trejqa
Li tieħu għall-Mulej. Id-dinja hienja
Fil-bluha u l-frugħa mitlufa, stednitu
Warajha; 'ma għal ruħu mbeżża' r-raħeb
Insatar fl-ixkora u tħażżem bil-ħbula
U mixħut fuq il-qiegħa tal-blat rieżaħ,
Igħaddi jitlob u jishar l-iljieli.

Ħaddejh mixruba għax bilkemm jitrejjaq,
Għajnejh fil-ħofra jitbekkew il-ħniena.
Ma jiflaħx igħarrex is-sema fil-bogħod
Fejn imxennaq jistenna ġsib is-sebħan,
Għax kull ma jmur saħħtu tinfena jħoss.
Xuxtu qotnija, bixritu sfajrija,
Mixjietu tqila megħjuna mill-ħatar
Jixhdu snin twal ta' tbatija u ċaħda.

Lippu, lejl wieħed, f'għarixu miġbur,
Inxteħet fit-tiben għax ħassu għajjien.
Nefaħ bid-dwejjaq u beka sogħbien
Għax ruħu mnikkta mistrieħ ma sabitx.
"Ġrejt wara Alla, ħabbejtu fuq kollox,
Ħallejt id-dinja bi tlellixha warajja
U ċħadt għal xewqiet t'ulied kotrana.
Inħossni minsi u Hu ma jridx jaf bija.
Għaliex warrabni? Għalija barrani
Il-Mulej. Tgħid għalxejn ix-xenqiet tiegħi?
Ħlejt għomri diemi f'tamiet ta' ħolm fieragħ
Bla qatt fittixt dan hux ħrafa u gidba "
Kif kien mitluf ħassu ħafif meħud
Fil-għoli għoli bħal sħaba merfugħ
Ħdejn il-qawsalla fid-dinja tal-bjuda.
Issaffa ċ-ċpar u żernaq jum igħaxxaq.
Ħeġġeġ is-sema b'taħlita ta' lwien.
Dehret id-dinja daqs naqra fil-bgħid
Tħammar, l-ibliet u l-irħula mferrxin.
Jilma fix-xemx is-sħab dehmi fil-għoli,
Tbaxxa u statar lir-raħeb miblugħ.

Fewġa melliesa mal-beraħ ferrxitu.
Stagħġeb Fra Lippu, ħdejh lemaħ żagħżugħ.
Kien twil u f'mantar demm aħmar imfelfel.
Għajnejh imberrqa ġamar jikwi. Ħarstu
Stallett. Fuq fommu tbissima qarrieqa.
Lippu bil-biża' jirtogħod ħassu jiksaħ
X'ħin raħ ma' ġenbu riesaq. Bexxaq fommu
U miġugħ silet tnehida minn qalbu.
B'sebgħu rqajjaq lid-dinja wrieħ.
Ħares mill-għoli u ra mill-qrib il-ħajja.

Ra l-mewt bil-minġel titliegħeb daħkana
Ma' tfajjel sfajjar, bla saħħa u mixrub.
F'qiegħ sodda nisa magħluba mixħuta
Ihewdnu, l-għaraq kiesaħ xaqq għalihom,
Żwieġhom u wliedhom bil-ħasra infnew.
Ra kemm mard tagħti d-dinja, ra kemm niket
Il-mewt iġġib. Fra Lippu ħarstu dawwar
Għaliex mikdud ma felaħx iżomm iżjed.
Dehret quddiemu dar kbira qadima.
F'gaġġa msakkra bil-bwieb tal-ħadid,
Rashom baxxuta fir-rokna taċ-ċella
Jilmaħ l-imsejkna li d-dinja ċaħdithom.
Mill-ħajja mifruda, kull tama tilfu
U jisħtu s-siegħa li twieldu, għax l-isem
Fuq ġbinhom imħażżeż hu l-għelm tal-ħtija.

Quddiem dan l-hemm kollu, ir-raheb qaddis
Ħass qalbu tingħafas u ġelbnu d-demgħat.
"Twelidt fin-niket, fin-niket immut.
Imkien m'hemm ħniena. Rebbieħa l-moħqrija:
Għaliex ħadd ma jrażżanha? Għax iridha
Il-Mulej? Bħan-nwar maħsuda bikrija,
Ulied l-għaxja u t-tama ta' min nissilhom,
Fl-uġigħ għal xejn ininu. Tgħid li l-biki
U l-krib ta' dawn hu ħlejju b'la tarf
Li jgħaxxi? Rajt missier żagħżugħ twajjeb
Jikser qalbu għax marid u m'hemmx fejqan,
Jislet demgħat jaħarqu għax ħosbien
Għaż-żgħar uliedu kotrana u ltiema,
Ma jaħtu xejn ibatu. Ħniena m'hemmx.
Għaliex dan l-hemm Mulej jekk Int ħanin?
Ma nafx. M'għandix infittex it-tweġiba.

'Ma nħoss fija l-ħażen li jrid jistaqsi.
Li tagħmel l-aħjar għalkemm mhux dejjem
Nifhmu. Imsejken jien li mikdud b'dan.
Inħalli ħajti biex l-imġarrbin ngħin."

Għax Fra Lippu kien twajjeb, iħobb il-fqajrin;
Kulħadd ħabibu, ma jridx min ibati.
Farfett bellusi jekk ġwinħajh ikisser
U mitruħ jaqa' biex jifga fl-għollieq,
Jekk jirfes nemla u joqtolha, jitbekka.

Iż-żagħżugħ kburi fetaħ dirgħajh beraħ
Bħal ajkla tgħarrex fil-għoli għad-debħa.
Merżuq dawl aħmar għammex 'l-patri misgħub.
"Tad-Dinja jien hu s-sid", imqit leħnu żarżar,
"Bla qies setgħeti, fid-dinja fuqana.
Jekk dal-ħin għarkubtejk tinżel quddiemi
U bl-inċens troddli ġieh u tbaxxi rasek
U bl-'Ikbar' tagħrafni; jekk lil dak tiċħad
Li lili regħexni u fl-infern xeħitni,
Inwegħdek li mid-dinja n-niket intemm.
Jinqered l-hemm u s-sliem biss isaltan.
Inħott kull sptar għax aktar ħadd ma jimrad.
Jiġġarrfu ċ-ċelel għax ħabsin m'hemm iżjed.
Jekk trid tista' mill-għelt id-dinja teħles."

Il-kliem li qallu tarraxlu widnejh.
Ir-raheb tħawwad u fawra ħass f'wiċċu
X'ħin seta' jeħles lid-dinja ntebah
U ssir Eden ieħor ta' ferħ u t'hena.
Għieda qalila f'ruħ ir-raheb tkebbset.
Ħass ħedla kbira; ma felaħx jissielet.
Triegħed mill-ħaqq li kien ser jiġbed fuqu.
Ra tmenin sena ta' tgħakkis u ċaħda,
Ta' talb bla heda u ta' tamiet qaddisa.
Hekk f'ħin jiġġarrfu u fix-xejn igħibu.
Għaliex qalb kbira kellu tħabbat f'sidru
Xtaq mill-jasar imqit lil ħutu jeħles.
Jintilef hu 'ma l-oħrajn kollha jgħixu.
F'moħħu eluf ta' ħsebijiet leħħew......

"Għaliex ħallejt id-dinja u hawn tkeffint?
Jekk mill-għelt ħrabt, fejn qatt urejt qlubiti?
Ħaqqni beżżiegħi ħlas ta' hena għal dejjem?

Ħsibt fija biss, inħoss li fuq kulħadd
Ħabbejt "il-jien.". Bżajt minn uġigħ bla tmiem
U żammejt ruħi bla ma mniġġsa għax bżajt
Mill-ħaqq li jista' jiġi fuqha malajr
U għal għarrieda. Intbaħt li ħabbejtu
Għax jaqbel lili mhux għax hekk jistħoqqlu
Bħal Alla u Missier. Il-ħlas nistenna,
Bid-dinja dħakt għax iżżommni bi twajjeb
U qaddis. Tqarraq bixriti minn barra
Għax dejjem l-ewwel fija ħsibt. Għal xejn —
Ftit naħseb kont inħobbu. Mhux hekk kulħadd?
Il-bniedem dgħajjef u ta' min jitħassru
Ma jafx sew triqtu, qalbu 'ttaqtaq dejjem
Iħossu fl-għama. Hi aktar il-ħajja
Mit-taħbitiet li f'sidru jħoss! Għaliex
Marbut mad-dinja jekk jaf x'hemm lest għalih?

Jidwi f'widnejh ħass min igħidlu: Turix
Kemm int beżżiegħi. Issa l-waqt li tiġbor
Ġieħek u ma tħallix minn igħajrek ġifa.
Int tħobb fuq kollox 'l għajrek. Int ħanin.
Ma felaħx iżjed. L-għażla kienet waħda:
Jew hu jew ħutu l-bnedmin. L-għaraq kiesaħ
Xaqq għalih. Fetaħ fommu jitlob ħniena,
Għoqla fi grieżmu telgħetlu u fgatu.
Ħares lejn sid id-dlam u ħass tkexkixa
Għax b'għajnejh xrara nar imsammrin fuqu
Raħ jitbiegħed, jiċkien u jgħib fil-bogħod.
Duħħan sfiq iswed għattieh. Daħka qarsa
Li ġennitu għax tidwi bħal sajjetta
Instemgħet. Lippu hawn tqalleb stenbaħ.

Il-musbieħ nemnem u kien ntefa.
Ħemda ta' qabar. Barbaġann fix-xagħri
Iwerżaq dewa fil-baħħ tal-lejl sieket.
Miblugħ, Fra Lippu m'emminx li kien ħolom.
Qam fuq riġlejh u nfexx jolfoq u jibki
Għax ħassu midneb u ruħu mitlufa.
Ried jitlob aktar. Ħa l-ktieb qaddis f'idu.
U saq ħdejn id-dawl tal-ftila baxx.
Fetħ biex jaqra u qalbu waqfet tħabbat
Għax għajnejh waqgħu fuq tal-Mulej l-amar:
"Jien Alla Sidek. M'hemmx Alla ieħor għajri ..."

# AĦBARIJIET

Is-Sur Godfrey Zarb Adami, Spettur Prinċipali fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu kien mogħti mill-U.N.E.S.C.O. Fellowship biex jistħarreġ ix-xogħol ta' Dokumentazzjoni li qed isir fil-Qasam Edukattiv, u li għal dak l-iskop, attenda bħala Uditur, kors fil-"Henry Morley School of Documentation and Archives" ta' l-Università ta' Londra; hu żar bosta libreriji kbar kemm f'Londra kif ukoll fil-provinċji, u anki Ċentri Pedagoġiċi u Kulleġġi ta' Taħriġ għall-Għalliema. Dejjem bl-istess skop is-sur Zarb Adami mar l-Olanda fejn ħadem fil-Ministeru tal-Istruzzjoni Pubblika, fl-Aja, u fejn ukoll ra bosta Ċentri Pedagoġiċi u libreriji, fosthom dik hekk magħrufa ta' Delft. Mar ukoll darbtejn Pariġi fejn għadda xi żmien l-U.N.E.S.C.O. biex jieħu ħjiel ta' dak li kellu jagħmel u biex jieħu l-parir ta' wieħed espert li xi żmien qabel kien intbagħat Malta mill-Kunsill ta' l-Ewropa għall-istess ħsieb. Żjara ta' l-istess xorta, għamel fix-xahar li qatta' f'Ġinevra u Ruma.

* * *

F'Lulju 1969, Anton Agius Muscat raġa' lura Malta mill-Ingilterra wara li temm kors ta' studju fl-Edukazzjoni f'St. Mary's College of Education, Twickenham, Middlesex. Kien ilu hemm minn Settembrru 1968.

Fost kollox, qabel ma telaq għal dan li *scholarship* governativ, Anton Agius Muscat, wara l-ħatra tiegħu f'Marzu 1967 bħala Segretarju Propaganda tal-Akkademja, organizza laqgħa ta' studju dwar il-qagħda tal-Ilsien Malti llum f'Novembru 1967 fid-dar moderna fil-Beżbeżija tal-Patrijiet Ġeżwiti, u fejn saru wkoll laqgħat internazzjonali. Ħa wkoll sehem mal-President u mas-Segretarju fil-laqgħat mal-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura dwar ir-riżoluzzjoni li ttieħdet f'dik il-laqgħa ta' studju.

Ħa ħsieb il-quddiesa għall-Membri mejta f'Diċembru 1967. Għall-ewwel darba saret fil-Kappella tal-Onorati, il-"Ġiżwiti", il-Belt, meta Mons. Arċisqof Metropolita ta l-ġieh P.E.P. lill-mibki Rob. Mifsud Bonnici u wara sar il-forum dwar il-letteratura maltija tal-bieraħ u tal-lum.

Barra dan, matul is-sentejn 1967/68 ħadem fil-ktieb: "Malta and Europe — The Defence of the Coast," li tiegħu barra Editur, hu wkoll kontributur. Il-ktieb ħarġitu l-għaqda maltija patrijottika DIN L-ART ĦELWA. Faħħruh il-ktieb kemm għal dak li fih taqra kif ukoll għal kif inhu maħsub u mqassam. *'Roamer'*, kittieb ta' kommentarji fis-*Sunday Times of Malta*, qal li t-tifsila estetika li jixhed il-ktieb hu mera tal-ħsieb estetiku li DIN L-ART ĦELWA tixtieq tilħaq. Dal-ktieb hu l-ewwel wieħed tal-għamla tiegħu li ħadet ħsieb DIN L-ART ĦELWA.

# META MORNA Z-ZOO

*Kitba ta' PAWLU MIFSUD*

Konna ilna bil-ħsieb li mmorru saz-Zoo. Mawra liz-Zoo ta' Londra ma kienx ta' min jitlifha la ħsilna ġejna nqattgħu erbat ijiem hawn mhux ħażin. U fl-aħħar il-jum mistenni wasal.

Kien is-Sibt filgħodu u wara l-kolazzjon tlaqnielha aħna l-ħames Maltin li konna fl-istess dar tas-Sinjura Thomas. Jien u Mike u t-tlieta l-oħra, kollha bl-istess isem, Ġużeppi, jew aħjar Joe għal-ħeffa. Issinjura Thomas kienet taraha ħaġa gustuża din ta' l-ismijiet jixxiebhu u meta kienet tkun trid lil xi wieħed minnhom, biex ma titfixkilx kienet tgħajjatlu b'kunjomu.

Immela ħriġna, kif għedtilkom, aħna l-ħamsa mlefelfin tajjeb filkowtijiet u l-inċirati għall-ħabta tad-dingħa u nofs u raddejna s-salib biex inqattgħu l-jum kollu niġġerrew fiz-Zoo ta' Londra. Imma llum ma għandix ħsieb infisser hawn x'rajna u x'ma rajniex f'dan il-post mimli tjur u bhejjem, ħut u għasafar, sriep u insetti u tant ħlejjaq oħra. Xtaqt ngħidilkom naqra waħda ma xiex iltqajna aħna u mexjin fi triqtna lejn iz-Zoo.

Niftakar li meta nżilna mill-karozza kbira ta' fuq u t'isfel li jiġru mat-toroq ta' Londra qishom iljunfanti miżbugħin ħomor, staqsejna n-naħa ta' fejn niġdbu biex naslu għaz-Zoo. U l-qalb tajba ta' l-Ingliżi, jew aħjar il-manjieri tajba li bihom huma magħġunin, malajr taqdik mill-aħjar li tista'. U aħna qbadna l-bankina u bdejna mexjin lil hinn. U lil hinn, ftit kantunieri bogħod, wasalna f'salib ittoroq wiesgħa baħar. Fuq bankina minnhom, kbira daqs waħda mittoroq ewlenin ta' Malta, nilmħu gods nies miġburin u trid u ma tridx qisu tiġik kurżità biex tara x'kien qed jiġri sewwa.

Ersaqna b'pass ħafif il-ħamsa li konna u tgeddisna mal-folla. U x'kien qed jiġri sewwa? Mhux la kemm tifhem mill-ewwel la ma tkun rajt qatt f'ħajtek qabel ħwejjeġ bħal dawn. Imma wara ftit tibda tifhem u tinduna u erħilek titbissem bil-praspar ta' dawn innies. Naf li kien hemm żewġt irġiel twal u mibrumin, it-tnejn mhux neqsin mis-saħħa. Wieħed imma, iktar minn kull ħaġa oħra, kellu lsien twil daqs ta' tellerita. U kellu bżonnu għax bil-qawwa ta' kliemu ried ifiehem lin-nies li nġabru madwar dak kollu li hu u sieħbu kienu qed jikkunfuffaw bejniethom. Kien irid juri li biċċa xogħol ta' sogru u ta' saħħa bħal dik li kienu se jwettqu, l-iktar sieħbu, ma kenitx ħaġa taċ-ċajt u mhux kulħadd kellu ħila jagħmel bħalha. Fuq kollox kien irid jara kif jisloħ kemxa flus mhux ħażin minna lkoll li waqafna nħarsu bħala ħlas tal-wirja ta' l-għaġeb li kienet waslet biex isseħħ quddiemna.

Imma issa ħalluni nfissrilkom, jekk nista', dak kollu li kien se jiġri.

Hekk beda jfiehem dak li kien jitkellem u jgħajjat bla ma jagħtik nifs tikkummenta għal waqt ma' xi ħadd qribek. "Sinjuri, hawnhekk għandi sieħbi li għandu saħħa u ħila li ma ssibhiex għand kulħadd. Minn hawn u ftit ieħor taraw kemm hu minnu dak li qed ngħidilkom. Issa taraw kif dan sieħbi se jiġi marbut u marsus minn dawn il-ktajjen tal-ħadid li għandi f'idi. Jiena ndaħħal lilu f'din l-ixkora twila tal-kanvass b'idejh marbuta wara biex ma jkunx jista' jċaqlaqhom. Jiena norbotlu wkoll saqajh biex lanqas dawn ma jkun jista' jħarrek. Indaħħlu fix-xkora u nkeffnu ġo fiha hekk li ma jibqax nitfa minn rasu tidher barra. Imbagħad indawru sewwa b'dawn il-ktajjen kollha li qed taraw, insakkarhom bil-katnazz, inmiddu fl-art u, kelma ta' raġel li jien, inwegħedkom li fi żmien żewġ minuti...... żewġ minuti bl-arloġġ, sinjuri...... dan sieħbi jirnexxilu jeħles mill-irbit kollu u joħroġ mill-ixkora wieqaf kif qegħdin tarawh."

Kienet biċċa xogħol tqila u xejn anqas gustuża. Imma, ma ngħidu xejn, dawn it-tnejn ma kenux se jindaħlu għal wirja bħal din mingħajr qligħ ta' xejn. Qalilna dak ta' lsienu twil: "Sinjuri, jiena u sieħbi qegħdin nagħmlu dan biex naqilgħu xi ħaġa x'nieklu. Jeħtieġ għalhekk li tgħinuna mill-aħjar li tistgħu biex hekk indaħħlu ħaqq il-ġurnata ta' llum. Malli nkun daħħalt nofs lira eżatt nibda biex norbot lil sieħbi u naqflu fix-xkora. Titfgħux inqas minn sispenz, sinjuri, għax is-soldi ma fihomx ħlief toqol u ingombru. Itfgħuhom fin-nofs u jien niġborhom u ngħoddhom quddiemkom biex tkunu tafu li żammejt kelmti. Nofs lira u nibdew, sinjuri. Għalina, mela."

F'kemm ili ngħidlek bdew neżlin salt sikspenzijiet u xelini qishom niżlu mis-sħab ta' fuq rasna. Iċekċku malli jmissu ma' l-art u dak il-ħabib jitbaxxa għalihom dlonk u jaħtafhom. U malli kien laqqat nofs lira għamel sinjal biex ma jwaddbux iktar. Tafa' l-flus fil-but u beda jwettaq dak li kien wiegħed. Rabat saqajn sieħbu b'qafla ħoxna u hekk ukoll idejh fuq wara. Meddu fl-art u keffnu fi xkora twila tal-kanvass li ksietu minn rasu sa saqajh. Fit-tarf tar-ras kien hemm qafla li meta tiġbidha kienet titboq il-fetħa u f'kemm ili ngħidlek din ukoll inqaflet tajjeb. Imbagħad raġa' qajmu bil-wieqfa u erħielha jdawwar lil sieħbu bi ktajjen irqaq tal-ħadid u jrosslu idejh u saqajh tajjeb bihom hekk li ma setax jitħarrek. Imbagħad qafel dawn fit-tarf tagħhom b'katnazz u stieden lin-nies jersqu jaraw b'għajnejhom li ma kienx hemm qerq fil-logħba tagħhom. Ħadd ma resaq.

Wara ftit ieħor, dak l-imsejken ta' ġox-xkora kien raġa' sab ruħu mimdud qisu katavru fuq il-bankina kiesħa. Imma dak kien għadu l-bidu. Issa kien jonqos l-aqwa u l-aqwa kien jitlob ħlas iktar. Kien jeħtieġ li jinġabrru aktar flus minn dawk bħalna li ħallew il-kurżità

tegħlibhom u waqfu jaraw xena bħal dik.

"Sinjuri, s'issa ġbarna nofs lira," reġa' beda jtaqtaq dak ta' l-ewwel, "imma daqshekk mhux biżżejjed. Hemm bżonn li tinġabar lira oħra fi ftit minuti inkella sieħbi jista' jiddejjaq u jitlobni nħollu u hekk ma taraw xejn. Qabel ma tkun inġabret din il-lira xejn aktar ma taraw, sinjuri. Mela ibdew waddbu, l-aħwa."

Ma rridx ninsa ngħidilkom ukoll li dan il-lablabi kien wissa li ma kienx jippretendi flus minn għand it-tfal li kienu qegħdin iħarsu. U tant kien ta' ke'mtu li malli lemaħ tifel jixħet sikspenz kien ħafif jiġbru u jnewlu lura lilu. Imma l-kbar ma baqgħux lura u f'kemm trodd salib il-lira l-oħra kienet inġabret ukoll. Lili ġiet tiswieli xelin, ngħid is-sewwa.

Meta għaqqad il-lira li talab tkompliet iċ-ċerimonja. X'għamel issa dak l-imbierek! Minn xkora żgħira ħareġ żewġ bajjunetti minn dawk li jintramaw fl-azzarini tas-suldati, resaq bihom lejn sieħbu u, fost l-għoġba ta' kulħadd, deffishom waħda fuq kull ġenb minn bejn it-tidwiriet tal-ktajjen li bihom kien marbut sieħbu. Kien ifisser li jekk sieħbu jieħu pass ħażin xi waħda minnhom setgħet tidħollu fil-laħam ta' ġismu. Ma kenitx ħaġa kbira l-iktar billi dak ta' ġox-xkora kien għoġbu jinża' minn qaddu 'l fuq u baqa' biss fuq il-laħam. In-nies, l-iktar in-nisa u t-tfal, ħassew bħal tferfira f'qalbhom u min jaf x'ħasbu li sata' qatt jiġrilu dak l-ieħor marbut u marsus. L-irġiel tbissmu u ħaġa bħal din ħaduha biċ-ċajt. Imma kulħadd resaq iktar qrib biex jara l-kummiedja sseħħ mill-aħjar li jista' u, min bħali, inzerta qasir, kellu jiddeffes qalb il-folla biex jiġi quddiemnett.

"Sinjuri!" Dak il-leħen sod ta' dak il-ħajjen, qisu xi ċerimonjier f'xi okkażjoni speċjali li jħabbar kull ħaġa li tkun se sseħħ b'dik is-solennità tas-soltu, kien raġa' beda jidwi. "Sinjuri, kif wigħedtkom ftit ilu se taraw ħaġa li ħadd fostna żgur m'għandu l-ħila jagħmilha. U ma nafx kemm hawn oħrajn fid-dinja li jaslu biex iwettqu opra bħal din. Kif rajtu, ġo dik l-ixkora hemm raġel marbut minn idejh u minn saqajh b'tali mod li ma jistax jinħall kif ġieb u laħaq. Barra minn hekk, dak ir-raġel hu marsus u maqful b'katini rqaq imma sodi tal-ħadid. Rajtu b'għajnejkom stess kemm dawn ġew marbutin tajjeb u maqfula b'katnazz. Issa ħarsu lejn idejja ħa taraw kif iċ-ċavetta tal-katnazz tinsab għandi. Aħna ma nqarqux bikom imma nagħtu ħlas xieraq għall-karità li għamiltu magħna t-tnejn. Din li se taraw għandha tgħaġġibkom. Din hija turija mill-aqwa ta' ħila u ta' saħħa barranija. Għedtilkom ukoll li dan kollu jseħħ f'temp ta' żewġ minuti. Żommu l-arloġġi f'idejkom, sinjuri, u jekk taraw li skorra l-ħin u sieħbi għadu ma nħallx u ħeles kollu kemm hu kif wegħedtkom jien, aħna lesti li nagħtukom fluskom lura. Tajjeb hekk, sinjuri? U issa......"

U dak il-mument resaq lejn sieħbu li kien mimdud u mkeffen ġox-xkora bla biss jitħarrek u tbaxxa kemmxejn lejh biex ikellmu. Mhux ipespislu xi ħaġa f'widnejh, tafux, imma biex jistaqsih b'leħen għoli hekk li sata' jisimgħu kulħadd, jekk kienx għadu ħaj.

"Jack," qallu, "int kollox sewwa hux?"

U dak ta' ġo l-ixkora għamel kemmxejn sinjal b'rasu biex kieku jwieġbu u jgħidlu iva.

"Jack," raġa' għajjatlu dak, "tħossok fiha hux? Trid tkompli?" U Jack raġa' għamillu sinjar b'rasu li xtaq jissokta bil-wirja tiegħu ta' saħħa u ħila. Imma l-ieħor, jew biex iżejjen il-biċċa jew biex iġibha xi ftit iktar bi kbira, raġa' staqsieh għat-tielet u l-aħħar darba jekk kienx jixtieq joħorġu minn hemm u ma jagħmel u ma jissogra xejn. Imma dak biex jurih li xejn ma kien se jaqtagħlu qalbu ħarrek rasu u dak li sata' minn ġismu għal darba darbtejn u biex fl-istess ħin ifiehmu li kien qed iħossu bla sabar ħalli jfittex jeħles l-affari kollha.

"Mela, sinjuri, la sieħbi jrid ikompli jiena se nagħmel sinjal biex huwa jibda. Malli ngħodd tlieta jkun beda x-xogħol tiegħu li jeħles minn hemm ġew. U intom żommu tajjeb il-ħin. Tinsewx, żewġ minuti biss biss. U hekku... wieħed, tnejn... tlieta."

Mat-tlieta n-nies kollha ntrefgħet fuq ponot subgħajha u berrqet sewwa għajnejha ħa tara sewwa x'kien se jiġri. U jiena ċċassajt inħares lejn dak mimdud fl-art qisu xi bhima maqful u mrażżan, jitkagħweġ u jagħti kemm jiflaħ biex jeħles mill-irbit sod li kien imjassar bih. Kont tisimgħu jonfoħ u jilheġ hemm ġew daqs kieku kien wasal fl-aħħar nifs ta' ħajtu u kont tistħajlu li jibqa' hemm stirat, mejjet u bla ebda, ħjiel ta' ħajja. Imma mhux hekk kien. Wara xi nofs minuta, il-ktajjen ta' barra qisu tlikkmu flimkien, inxtorbu u nixfu u f'salt wieħed iżżerżqu minn fuq sidru u żaqqu għan-naħa t'isfel sakemm waqgħu minn saqajh għal fl-art. U nofs minuta oħra u dak il-għafrid kien ħeles ukoll mill-irbit ta' idejh u sab ruħu jista' jħaddimhom kif xtaq. Xejn ma tilef żmien biex fetaħ il-qafla li kienet tissikka t-toqba ta' qrib rasu u f'kemm tgħid 'Amen' xiref rasu 'l barra u ħielha jneħħi l-ixkora tal-kanvass minnu u jgerbibha 'l isfel biex itajjarha minn saqajh. Dawk biss kien fadallu jxikkluh imma fi ftit ħin ieħor kien sab tarf iħoll il-ħabel ta' madwarhom ukoll. U f'temp ta' minuta u nofs kien wieqaf hemm quddiem kulħadd, f'nofs iċ-ċirku ta' nies imbikkma, jitbissem u jsellem b'rasu hekk kif sama' ċ-ċapċip ta' xi nofs tużżana li sfaw imsaħħriin għall-aħħar.

Ħarist lejh dak il-waqt u tħassartu. Kien qisu bhima qalila, tonfoħ u tilheġ, bil-għaraq nieżel ma' wiċċu u ma' sidru kollu. Kien hemm fuq dahru u żaqqu l-marki tal-ktajjen li għafsu fuqu bla ħniena, u stennejt li nara xi girfa jew xi qasma mimlija demm li setgħu ikkkaġunawlu dawk il-ponot irqaq tas-skieken misnuna. Imma ma

tanix żmien ngħarrex wisq għax dlonk raġa' libes fuqu l-flokk ta' taħt u l-qmis u mesaħ l-għaraq minn wiċċu. F'minuta oħra kien raġa' sar bniedem bħal kull wieħed minna li waqfu jħarsu lejh u jiggustawh. Kien raġa' sar raġel normali li jrid jara x'jagħmel u jbati biex idabbar il-loqma ħobż ta' kuljum.

Dak il-ħin inqala' sieħbu minn mal-ħajt fejn kien mar jistrieħ sakemm ra lil Jack jeħles mill-fettuqa li daħal, jew aħjar daħħlu fiha, ġabar f'tebqa' t'għajn l-armar kollu ġo xkora ċkejkna, u telqu 'l hemm it-tnejn, bla kliem u bla sliem, sakemm tbiegħdu u ma dehrux aktar. U aħna bqajna sejrin lejn iz-Zoo ta' Londra.

---

# SBUĦIJA

*Ta' TARĊISIO L. XERRI*

Maż-żiffa ħelwa ġewwa l-ġonna rajtek
Tmewweġ fuq fomm il-warda farreħija,
Imlibbsa bl-isbaħ star bi lwien imżewwaq;
Ma' l-ewwel raġġi sbieħ tax-xemx bikrija.

Fil-milja tal-jum diefi fl-għalqa tħaddar
Miskieta kont mifruxa, ja Sbuħija:
Xbihatek kienet tidher fuq wiċċ l-ilma
Safi daqs dmugħ magħsur minn qalb bla ħtija.

Rajtek ftit aktar bogħ'd x'ħin tfajt il-ħarsa
U s-sigar rajt imewġu f'armonija,
Qalb dawn is-siġar kbar, bi frott imtaqqla,
Ilmaħtek għad li kont tidher moħbija.

Rajtek fil-waqt li x-xemx għajjiena kienet
Ma' truf l-għoljiet titbewwes fl-aħħar dija;
Fil-waqt li l-qamar deh'r fiddien, daħkani,
Flimkien mal-kwiekeb bojod, żeffinija.

F'kamarti jkun li nilmħek fl-aqwa tiegħek
X'ħin nara f'kwadru żgħir Xebba Lhudija,
Li b'għożża kbira mqanqla mill-imħabba
Ma' qalbha qiegħda tross ċkejkna Tarbija.

# TWAJJEB ĠESU', AĦFIRLI

*Ta'* P. ALB. SAMMUT, O.F.M. CONV.

Malli jiena ġejt fid-dinja,
O Ġesù, Sultan tal-qlub,
tajtni qalb biex biha nħobbok,
marbut miegħek, bgħid mid-dnub.

O Ġesù, inti taf tajjeb,
it-triq jien li minnha għaddejt.
Ah! Kemm ħqartek bi ħtijieti!
Min jaf Int f'Qalbek x'ħassejt!

Iżda għalkemm kont mifrud minnek,
dejjem Int tfittixni bqajt.
Qatt ma nsejtni; ġrejt warajja
sakemm fl-aħħar mirbuħ sfajt.

Qalbek ngħafset xħin lemħitni
fl-għama nisħet l-Isem tiegħek.
Int ma ħmiltx li nitlef ruħi
u fil-ġenna ma nkunx miegħek.

O Ġesù, nitolbok maħfra,
maħfra, maħfra ta' kull ħin.
Ma nistħoqqx ningħadd ma' ħbiebek,
għad li naf kemm Int ħanin.

L-għanja tiegħi dejjem waħda:
Għarus tiegħi wisq maħbub,
Insa l-ħtija, żommni miegħek,
u dewwini għax midrub.

Jiena nemmen li taħfirli;
irrid nagħti sehmi wkoll:
mas-salib irrid nintrabat
u l-irbit mad-dinja nħoll.

# IL-POEŻIJA TAL-ĦAJJA

*Ta' PAWLU CACHIA*

Tin, tin, tin, tin.

Rajthom mexjin:
Issa ġejjin,
Imb'għad sejrin
Aktarx ħemdin,
Wisq imtaqqlin
U mgħobbijin
B'iġsma sfajrin,
B'uċuh ebsin:
Mhumiex ħajjin,
Għax bajdanin,
B'xoffa mkemmxin,
Ftit kaħlanin
U mitruħin.

Nies imtarrxin,
Nies sogħbenin
Bl-hemm imdejqin
F'dieq maqfulin:
Xejn imfarrġin,
Imm' għajjenin,
Kif imlebbtin
Hemm għaddejjin,
Dejjem sektin,
Wisq imbellhin,
Ferm ferħanin
B'serħ il-mejtin!

Flimkien ġejjin,
Ġejjin, resqin,
Hawn l-imsejknin,
Jaslu fil-ħin
F'lok il-mejtin,
Jkunu mwennsin
Meta mniżżlin
F'oqbra mmermrin
'Lkoll miksijin
B'għotjien kesħin.

Ħbula mżaqżqin
Ftit imfażrin
Jordmu ħelwin
'L dawk felħanin,
'L dawk daħkanin,
Iżda reqdin.

Fl-art mixħutin:
Jorqdu henjin
Fit-trab wisq bnin,
Fid-dlam tas-snin.

---

# KARBA TA' SULDAT

*Ta' LOUIS BUTTIGIEG*

Faqqgħet il-gwerra
U fuq ix-xwiek konna, ħerqana
Biex nagħmlu minn qalbna kull sagrifiċċju.
U l-armi qerrieda tawna f'idejna,
Biex għal bnedmin bħalna, naħbtu bil-qilla
U dan ħassejna li kien ġieh kbir.
Għall-amar weġibna u morna nissieltu,
Nitbiċċru, nitqatlu fi xmajjar ta' demm.
Eluf u eluf ħajjithom tilfu;
Eluf u eluf baqgħu ħajjin;
Min zopp, min agħma u min mifluġ.
Minn moħħna l-ħsieb għadda,
Li dak li għamilna sewa xi ħaġa;
Li dak li għamilna ma kienx għal xejn.
Il-gwerra saret għal ġieh il-ħaqq.

U nafu issa kemm konna mqarrqa,
Għax ġieh il-ħaqq ma kien hemm qatt.
Konna biss pupi bl-ispaga mġebbda
Min-nies setgħana, mimlija regħba.
Qlub il-kefrija mimlija frugħa,
Għad-demm għatxana, f'dagħdigħa ġenn.
U minn li għadda ma tgħallmu xejn.
Bla rażan għadha taħkem ir-regħba
W għadhom isaltnu fost il-bluhat.
Fl-imħuħ iħawdu, fl-imħuħ igerfxu
Kliem ta' bla siwi, gideb tnassis.

Ieqfu! Ieqfu ngħidilkom!
M'intomx tisimgħu l-karba tiegħi!
M'intomx tarawni kif jien mifluġ!
M'intomx tisimgħu l-krib ta' sħabi,
Ta' dawk l' għal dejjem baqgħu bla dawl!
Insejtuhom lil sħabi l-oħra,
Li fl-aħjar tagħhom tilfu ħajjithom
U ġew midfuna 'l bogħod minn arthom,
Ġewwa l-egħlieqi taħt il-pepprin?
Ieqfu! Sikktu l-kliem fieragħ
Li minnu l-bniedem ma jieħu xejn.
Tkellmu jekk tridu, 'ma kunu rġiel veri;
Tkellmu bis-sewwa għal ġieh il-ħaqq.
Tissuktawx iżjed fil-qerq u l-gideb,
Għax terġgħu titfgħu lid-dinja kollha
F'baħar ta' niket; f'baħar ta' hemm.

---

# MHUX LI KIEKU JAĦASRA!

*Ta' SPIRO BUHAGIAR*

*L'homme est ne' libre, et partout*
*il est dans les fers.* (Rousseau)

Al, kieku nista' nirħan lil żgħożiti,
Ma' dik il-ħajja hienja għal ftit taż-żmien;
Li kont inqatta', bl-iċken ħsieb, f'żgħoriti
Ħa nuri bla ftaħir jiena min jien!

Dan biss kieku nixtieq, nerġa' għal dil-ħajja,
B'qalbi dejjem se ttir, b'moħħi mistrieħ;
Ħa nqatta' għomri bla qatt nuri għajja
Indomm fl-aqwa għana kull ma hu sabiħ!

Ħalli f'dal-ftit taż-żmien nara daħkana,
'L ħafna wċuh mifnija fl-għawġ u d-diq;
X'ħin b'sengħa ta' poeta ninseġ għana
Oħla fil-wisa' minn dak tal-werżieq!

'M aktar ma f'dan iż-żmien nixtieq li qiegħed,
Aktar donni narah minni jitbiegħed —— !!

# REĊENSJONIJIET

**"IL-PARROĊĊA TAL-QRENDI"** ta' Dun Raymond Ellul. "Veritas Press" — Żabbar, 1969. Paġ. 20.

Waslilna dan il-ktieb li ħareġ bħala tifkira tal-egħluq it-tliet mija u ħamsin sena tal-Parroċċa.

Qrajnieh bi pjaċir għax minnu tgħallimna ħafna affarijiet dwar dik il-parroċċa qadima.

Il-ktieb fih tagħrif mhux fuq il-knisja l-kbira biss iżda fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħajja u mal-iżvilupp tar-raħal: tagħrif li jħaddan storja, folklore (salib ta' quddiem il-knisja fejn kienu jħabbru l-prezz tal-prodotti tar-raba'), tradizzjoni (festa ta' San Mattew), djar, palazzi u knejjes. Fih ukoll lista tal-għaqdiet tar-raħal u l-attivitajiet tagħhom, li minnha wieħed jista' jara kemm dawk l-għaqdiet qegħdin iħabirku għall-ġid u għall-progress ta' pajjiżhom, u biex ma jkun jonqos xejn, il-ktieb fih ukoll lista ta' persunaġġi li għamlu ġieh lir-raħal.

**"SANTWARJI MARJANI F'GHAWDEX".** Minn Mons. C. Scicluna, Veritas Press — 1968. Paġ. 74.

Fil-Gżejjer tagħna hawn qima kbira lejn Ommna Marija Santissima. L-eqdem knejjes, l-isbaħ kwadri, l-egħżeż tifkiriet huma marbutin mal-qima lejHa.

L-isem u l-kult tal-Madonna huma marbutin mad-drawwiet ta' niesna, mat-tradizzjonijiet ta' missirijietna u ma' l-istorja ta' pajjiżna. Għalhekk f'kull epoka, minn dik l-aktar qadima sa dik ta' żmienna, niltaqgħu ma' ġrajja ta' xejra nazzjonali li jħeġġu l-qlub Maltin b'fawra ta' mħabba lejn Omm Alla.

Il-kult lejn Omm Alla hu mxerred fost il-poplu, iżda l-qofol tiegħu huma l-ħafna knejjes u kappelli li jinsabu f'kull naħa tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex; saħansitra fil-Gżira ta' Kemmuna hemm knisja tal-Madonna, u fl-antik kien hemm kappella wkoll fuq in-nitfa blat ta' Filfla.

F'Malta hawn kotba fuq il-kult u fuq il-knejjes tal-Madonna, imma għalkemm f'Għawdex il-qima lejn Marija ma hix anqas minn dik f'Malta, s'issa ma kellniex ktieb sħiħ li jagħti tagħrif dwar il-knejjes Marjani ta' hemm. Għalhekk Monsinjur Scicluna jistħoqqlu kull foħrija mhux biss għall-istħarriġ tiegħu imma wkoll għax mela vojt kbir fl-istorja ekklesjastika ta' Għawdex.

Mid-dehra Monsinjur Scicluna ndaħal għal din il-biċċa xogħol ta' reqqa u ta' ħsieb, bil-ħrara ta' qalbu u bid-dehen ta' moħħu kollu, bħala devot tal-Madonna u bħala storiku Għawdxi. Bis-sabar u bil-għaqal, hu qalleb u stħarreġ manuskritti, dokumenti, kotba qodma u ġodda. Hu studja tradizzjonijiet u għeqdut popolari, wiżen u qies dak kollu li sama' u qara biex ħareġ studju awtorevoli u tagħrif ċar dwar kull knisja u kull kappella iddedikati lill-Madonna fil-Gżira ta' Għawdex bla ma nesa dik ta' Kemmuna.

Minn għalina sibna ħafna x'nitgħallmu u x'jolqotna f'dan il-ktieb. L-istorja tal-Knisja ta' Pinu, dik tal-Kattidral, il-Kolleġġjata tal-Għarb, il-kappella tan-Nunzjata, biex insemmu erbgħa biss, huma miktubin fil-qosor imma jiġbru tagħrif l-aktar eżatt u interessanti. Hekk ukoll it-tagħrif dwar id-dsatax-il santwarju u kappelli oħra li hemm f'Għawdex,

hu ta' min jorbot fuqu u jagħti tagħlim siewi dwar il-għożża li biha l-poplu Għawdxi jqim lil Marija.

Il-ktieb hu miktub bi stil ċar u letterarju, mill-ewwel iqajjem interess u jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej, imżejjen b'ħafna ritratti u stampi sbieħ u maħruġ bis-sengħa. Dan il-ktieb hu u jibqa' għajn ta' tagħrif dwar il-kult Marjan f'Għawdex, u jmissu jidħol f'kull familja Għawdxija.

Ġ.

**"TLETTAX-IL ĦSIEB FUQ IL-QALB IMQADDSA TA' KRISTU".** Minn Mary Haber. Malta, Union Press, 1969; pp. 15.

**"TNAX-IL KEWKBA MA' RAS IL-MADONNA".** Minn Mary Haber. Malta, Union Press, 1969; pp. 12.

Sa mill-bidu tal-Knisja t-tixrid tal-Bxara t-Tajba kien megħjun 'il quddiem minn bosta lajċi, li wħud minnhom, irġiel u wkoll nisa, jissemmew fl-Evanġelji u fil-kitbiet ta' l-Appostli. Ħidmithom swiet ħafna fil-frieghi kollha ta' l-appostolat, mhux l-inqas fosthom dak tal-kitba. Biżżejjed insemmu l-apoloġisti lajċi Aristide, Eġesippu, Ġustinu, Atenagora, Lattanzju u bosta oħrajn, sa ma naslu fiż-żminijiet tan-Nofs meta fil-għadd sabiħ ta' appostli tal-pinna nsibu wkoll żewġ nisa tal-għaġeb, Katarina Benincasa u Tereża Sanchez de Cepeda de Ahumada, aktar magħrufin bħala S. Katarina ta' Siena u S. Tereża ta' Avila. Fi żminijiet eqreb lejna, u llum, il-Knisja qed taħsad kotra ta' frott bnin minn dil-għalqa b'ħidmet nisa għaqlin u tad-dehen mixħuta għal dan l-appostolat partikolari tal-kitba, xebbiet u ommijiet li, mit-tiġrib tal-ħajja skond is-sejħa tagħhom, jixħtu żerriegħa mill-aħjar ma' l-erbat irjieħ.

Hawn Malta wkoll, imqar jekk f'għadd mhux daqs kemm mixtieq, m'aħniex nieqsa minn xi nisa li t-tħabrik tagħhom f'dal-kamp għammiel qed jinħass ġmielu. Fosthom, Mary Haber ġa għamlet isem bil-produzzjonijiet tagħha ta' karattru reliġjuż, hekk li mhux meħtieġ nippreżentawha aħna. Iż-żewġ ktejbiet tagħha ta' l-aħħar, imsemmija hawn fuq, jixhdu tajjeb il-ħsieb li, milli jidher, trid tilħaq u li fuqu saħaq il-Konċ. Vat. II: l-appostolat lajk fil-Knisja biex il-fidili jerġgħu għas-sempliċità tat-tagħlim evanġeliku. U l-kitba tagħha hi mera ta' dan: kitba bla pretensjonijiet, ċara fil-qosor tagħha u, għal min jaf jaqra bil-għajnejn tad-dehen, profonda fir-riflessjonijiet prattiċi kif għandha ħabta tagħmilhom mara tad-dar medhija fid-dmirijiet tal-familja ta' kuljum, imma fuq kollox imnebbhin mill-għajn safja ta' l-Evanġelju li wieħed irid ikun għarafhom u għexhom hu l-ewwel qabel ma jgħaddihom lil oħrajn. Dan hu l-mertu ta' Mary Haber, u hu waħdu hu biżżejjed biex iħajjar 'il min hu bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja ħalli jersaq jistgħall il-mejda tal-kelma t'Alla mifruxa bil-għaqal mill-Kittieba. "Min hu ċkejken, ħa jersaq 'il hawn" (Prov. 9, 4).

v.v.b.

**"XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI".** Ta' Ġużè Galea. Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1969.

Id-drawwiet, il-ħrejjef u ħwejjeġ oħra li bihom jinqeda u jedha l-bniedem, mal-mogħdija taż-żmien dlonk jitbiddlu, jinstew u flokhom jidħlu oħrajn li jinħolqu mill-moħħ tal-bniedem. Flok il-bhejjem għas-sewqan maż-żmien daħlu l-makni, mal-imqadef ta' fuq il-bċejjeċ tal-baħar

inħolqu l-qlugħ, flok il-qlugħ, maż-żmien daħlu fid-dgħajjes u bastimenti l-makni tal-istîm, u wara l-makni taż-żjut.

Ix-xjenza fil-progress tagħha għenet biex il-bniedem jiffranka x-xogħol tal-idejn u tħaffiflu dak kollu li kien ikollu jagħmel b'idejh u b'saqajh. Hekk wieħed iġib quddiem għajnejh meta jiftaħ il-ktieb "*Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi*" tal-Prof. Ġużè Galea fejn għandna mera sħiħa ta' dawk ix-xogħlijiet u snajja' b'xi drawwiet magħhom li tagħhom illum ma fadlilniex ħlief bħal dell jew xbieha ċkejkna li għoddhom intsew għalkollox.

Il-ktieb jitkellem u jiddeskrivi bir-reqqa kollha mas-36 sengħa u drawwa li fosthom insibu ħafna mżejnin u illustrati b'disinni meħudin minn inċiżjonijiet u pitturi qodma. Dawn kollha jagħtu lill-qarrej ħjiel sabiħ u storiku tal-ħajja qadima f'Malta li llum tbiddlet u donnha għabet għalkollox. Illum ftit huma dawk ix-xjuħ li għadhom forsi jiftakru l-biċċa l-kbira ta' dawn ix-xogħlijiet, snajja' u drawwiet li naqraw u naraw maħżużin f'dan il-ktieb. Dawk li għadhom jiftakruhom jistagħġbu bil-bidla li saret fil-ħajja soċjali minn tmiem is-seklu dsatax sal-fuq min-nofs das-seklu.

Fost is-snajja' kbar u qodma li kienu jinħadmu hawn Malta fi żmien il-Kavalieri u li baqgħet sal-bidu tas-seklu dsatax, hija dik tal-qlugħ — xogħol li kien isir fid-daħla ta' wara l-Isla sa ma kellna l-vapuri jew bastimenti tal-istîm. Billi xi bċejjeċ tal-qlugħ għadhom jidhru jbajdu fuq wiċċ il-baħar, l-Awtur ta' dan il-ktieb aktarx deherlu li ma jitkellemx fuqhom, bħalma 'l hawn u 'l hinn ħalla barra xi sengħa bħal dik tax-xogħol tal-fuħħar, billi l-fuħħar għadu jinħadem 'l hawn u 'l hinn.

Fost id-drawwiet imsemmijin fil-ktieb hija dik tal-*Pastas* tas-suq fejn il-kelma *pastas* nafuha wkoll b'tifsira *dispreġativa*, fil-waqt li ġejja mill-Grieg (*vastason*) u mill-Isqalli (*vastasu*) u tfisser *reffiegħ*. Fil-Malti għandna *t-travu pastas* li jarfa' l-pis ta' travi oħra fis-saqaf. Fost il-logħob l-Awtur isemmi u jfisser dak taċ-*Ċippitodu*, logħba li milli tidher hija ta' żmien ir-Rumani skond it-tifsira tal-kelma (*accipe totum*) li aħna mbagħad ħadna mill-Isqalli. Fil-Malti, kif imfissra mill-Awtur, titbiegħed minn dik ta' nisel il-kelma.

Il-ktieb jagħlaq b'Werrej Ġenerali ta' lista alfabetika ta' kliem li jinsab f'kull Kapitlu. Il-ktieb jinbiegħ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, il-Belt Valletta.

A. Cremona.

**"KELMA WAĦDA BISS U KITBIET OĦRA"** ta' Ġużè Cassar Pullicino. Malta, Veritas Press, 1965. Paġ. 277.

Konna ilna ħafna bix-xewqa li naraw dawn il-kitbiet tas-Sur Ġużè Cassar Pullicino miġburin taħt qoxra waħda għax jixhdu ħidma letterarja ta' 'l fuq minn għoxrin sena, l-ewwel waħda nkitbet fl-1940 u l-aħħar fl-1965, u kollha flimkien inisslu xejra ħarkiena fil-letteratura tagħna, x'uħud jagħtu dehra ċara tal-ħajja li kienu jgħixu niesna, dik il-ħajja bieżla, ħawtiela, lieżma, bid-drawwiet tajba jew ħżiena "bid-dwejjaq u bin-nuqqasijiet, bil-kruhat u l-ħlewwiet kollha tagħha".

Ġużè Cassar Pullicino ma jiktebx biss dwar dak li jara b'għajnejh iżda wkoll dwar dak li tħoss qalbu u li jifhem moħħu, għalhekk il-kitba tiegħu ma hix biss narrativa iżda hi wkoll riflessiva u spekulattiva. Hu għandu ħabta kbira biex joħroġ qagħda jew ifassal ġrajja li jfissru bil-għaqal u bil-ħeġġa idea jew twissija li hu jixtieq ixandar fost il-qarrejja;

imma fuq kollox l-aqwa fehma tiegħu hi dik li jqajjem ġibda u għożża lejn dak kollu li jagħti sura lill-ħajja Maltija.

Il-ktieb nistgħu nikkunsidrawh f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel waħda nsibu ġrajjiet ta' karattri maħluqin mill-awtur, u fit-tieni hemm ġrajjiet li għadda minnhom hu nnifsu. Imma fil-kitbiet kollha hemm dik il-ħarira nostalġika li tintiseġ mal-ġrajjiet ta' l-awtur kif ukoll mal-praspar li jsibu ruħhom fihom il-karattri li hu joħloq. Imma l-kitbiet kollha jnisslu "dehriet sbieħ ta' ħajja Maltija" u "jgħaddu waħda wara l-oħra minn quddiem għajnejna mixħuta fuq is-snin li għaddew u li għabu".

Fl-ewwel taqsima tal-ktieb wieħed jiltaqa' ma' persunaġġi u karattri li qabel l-aħħar gwerra kienu jidhru kuljum fit-toroq tagħna, u jaqra dwar praspar u tweghir li huma kienu jsibu ruħhom fihom. "Anġla Tal-Ħelu", "Gerita", "Il-Lixandrina", "Nonz", "Tifel Tas-Suq", il-karozzier, il-kebbies tal-fanali, huma xbiehat imqaxxrin ta' nies magħrufa li kienu jagħtu sura ta' ħeġġa u bżulija lit-toroq tagħna. L-awtur mhux biss jiddeskrivi l-persunalità tagħhom iżda wkoll jikteb dwar ix-xogħol u s-snajja' tagħhom hekk li jiġbed tifkira ta' bosta "snajja' li hawn Malta aktarx inqatgħu u mietu jew qegħdin biex".

Barra dawn il-figuri popolari, l-awtur f'dan il-ktieb għandu wkoll bċejjeċ ta' studju u ta' tagħlim bħal "Għana u Daqq Malti", "Xebh Ta' Drawwiet", "Il-Kitba Fl-Albanija", "Emigrazzjoni Tal-Maltin"; hemm ukoll kitbiet dwar storja ta' pajjiżna, bħal "It-Tiġrija Tad-Dgħajjes Nhar Il-Vitorja", "Santa Marija Tal-Għawdxin" u wkoll kitbiet ta' kritika u kummenti fuq kotba dwar Malta jew il-Maltin, jew ta' interess ġenerali. Imma fuq kollox l-awtur juri ħiltu fil-kitba folkloristika. Il-qarrej jitgħaxxaq jaqra dwar drawwiet, imġibiet, xogħlijiet, ġaħġiħ u tqanċiċ li kienu jżommu lil dawk ta' qabilna medhijin fix-xogħol u fil-mistrieħ, li "jnisslu weġgħa għat-tifkira ta' dawk iż-żminijiet . . . l-imgħoddija u llum nofshom minsija . . . ta' ħwejjeġ li kienu u li qatt ma jerġgħu jiġu . . . !". L-awtur għandu ħila kbira biex bil-kitba dwar il-folklore inissel fil-qarrej "ħolma għaxxieqa ta' ħwejjeġ qodma", u juri l-fejda tal-għerf bla miktub tal-Maltin.

Imbagħad fil-ktieb hemm ukoll ħafna kitbiet dwar laqgħat u diskussjonijiet li l-awtur kellu ma' persunaġġi li ltaqa' magħhom fis-safar tiegħu. L-awtur qatta' mas-sentejn barra minn Malta jistudja u jitħarreġ dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kotba u libreriji. Minn dawn il-kitbiet wieħed jagħraf kif student Malti mimli ħeġġa u ħrara għat-tagħlim, jista' jinqeda bl-istudju tiegħu biex igħaddi 'l quddiem, biex ikattar il-għerf ta' moħħu, biex iseħħlu dak li jkun indaħal għalih, u biex jitgħallem minn ħaddieħor dak li jiswielu ta' fejda meta jarġa' lura lejn art twelidu. Dawn il-kitbiet bijografiċi huma ta' interess kbir u għad ikunu ta' siwi meta jgħaddi ż-żmien, għax minnhom wieħed jislet ħafna tagħrif fuq iż-żgħożija tas-Sur Cassar Pullicino, imma fuq kollox huma xhieda li minkejja li hu ltaqa' ma' ħafna nies u żar bosta artijiet, qatt ma nesa din l-art ħanina li tagħtu l-ħajja. "Bqajt dejjem moħħi f'Malta, il-folklore tagħna, il-kitba u l-kittieba ta' żmienna . . . "

Il-ktieb għoġobna wisq, qrajnieh mill-bidu sat-tmiem u sibna ħafna fiex nixxiegħlu. Ktieb bħal dan igħodd għall-qari fl-iskejjel għax, biex ngħidu hekk, fl-iskejjel Maltin jista' jieħu post bħal dak li dari kellu "*Il Cuore*" ta' Edmondo De Amicis, biss qabel jidħol fl-iskejjel, trid toħroġ edizzjoni oħra għax din hi nieqsa ħafna minn dak li titlob is-sengħa ta' l-istampa.

Ġ.

## TWISSIJA LILL-IMSEĦBIN

Ikollna nwissu lill-Imseħbin li għadhom lura fil-ħlas ta' l-abbonament illi, jekk ma jibagħtux il-ħlas minnufih lit-Teżorier, il-Ktieb ta' Diċembru m'aħniex sa nibagħtuhulhom. Ta' lanqas niffrankaw l-ispejjeż tal-Posta.

GIOV. MUSCAT & CO. LTD. — MALTA — PRINTERS.